



BANK ĊENTRALI EWROPEW

# STATISTIKA TAL-BĊE

APRIL 2006

BĊE ECB EZB EKT EKP

ASPETTI  
ĠENERALI

MT



BANK ĊENTRALI EWROPEW



# STATISTIKA TAL-BĊE ASPETTI ĠENERALI

APRIL 2006



FI-2006 il-pubblikazzjonijiet kollha tal-BĊE se jkun fihom motif meħud mill-karta tal-€5.

© Bank Ċentrali Ewropew, 2006

**Indirizz**

Kaiserstrasse 29  
60311 Frankfurt am Main, Ġermanja

**Indirizz postali**

Postfach 16 03 19  
60066 Frankfurt am Main, Ġermanja

**Telefown**

+49 69 1344 0

**Websajt**

<http://www.ecb.int>

**Fax**

+49 69 1344 6000

**Telex**

411 144 ecb d

Id-drittijiet kollha riżervati.

*Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u  
mhux kummerċjali hi permessa  
sakemm jiġi rikonoxxut dan is-sors.*

ISSN 1725-2075 (onlajn)

# WERREJ

<b>1</b>	<b>SOMMARJU EŻEKUTTIV</b>	<b>5</b>	<b>ANNEX 1</b>	
<b>2</b>	<b>STATISTIKA DWAR ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI MONETARJI (MFIS )</b>	<b>10</b>	Frekwenza u puntwalità tal-pubblikazzjoni ta' l-istatistika aggregata taż-żona ta' l-euro	<b>36</b>
<b>3</b>	<b>STATISTIKA OĦRA DWAR INTERMEDJARJI FINANZJARJI</b>	<b>18</b>	<b>ANNEX 2</b> Disponibbiltà ta' data	<b>37</b>
<b>4</b>	<b>STATISTIKA DWAR RATI TA' L-IMGĦAX (MINBARRA RATI TA' L-IMGĦAX TA' L-MFI)</b>	<b>19</b>	<b>ANNEX 3</b> Għażla ta' materjal ta' referenza	<b>39</b>
<b>5</b>	<b>STATISTIKA DWAR TITOLI (INKLUŻI L-ISHMA)</b>	<b>19</b>		
<b>6</b>	<b>STATISTIKA DWAR BILANĊ TAL-PAGAMENTI U POŻIZZJONI TA' INVESTIMENT INTERNAZZJONALI</b>	<b>21</b>		
<b>7</b>	<b>RIŻERVI INTERNAZZJONALI TA' L-EWROSISTEMA</b>	<b>25</b>		
<b>8</b>	<b>STATISTIKA DWAR IR-RWOL INTERNAZZJONALI TA' L-EURO</b>	<b>26</b>		
<b>9</b>	<b>RATI EFFETTIVI TAL-KAMBJU TA' L-EURO</b>	<b>26</b>		
<b>10</b>	<b>STATISTIKA DWAR IL-FINANZI TAL-GVERN</b>	<b>27</b>		
<b>11</b>	<b>KONTIJIET TAŻ-ŻONA TA' L-EURO GĦAS-SETTURI ISTITUZZJONALI</b>	<b>28</b>		
<b>12</b>	<b>STATISTIKA DWAR SISTEMI TA' PAGAMENTI U FLAS TA' TITOLI</b>	<b>30</b>		
<b>13</b>	<b>ASPETTI STATISTIĊI TAT-TKABBIR TAŻ-ŻONA TA' L-EURO</b>	<b>31</b>		
<b>14</b>	<b>SKAMBJU TA' TAGĦRIF STATISTIKU</b>	<b>31</b>		
<b>15</b>	<b>POLITIKA DWAR PUBBLIKAZZJONI U REVIŻJONIJIET</b>	<b>32</b>		
<b>16</b>	<b>STRUMENTI LEGALI TAL-BĊE DWAR L-ISTATISTIKA</b>	<b>33</b>		

## ABBREVJAZZJONIJIET

BIS	Bank for International Settlements (Bank għall-Flas Internazzjonali)
b.o.p.	balance of payments (bilanċ tal-pagamenti)
CIU	collective investment undertaking (intrapriża għall-investment kollettiv)
CSDB	centralised securities database (bażi ċentralizzata ta' data dwar it-titoli)
ECB	European Central Bank (Bank Ċentrali Ewropew)
ECU	European Currency Unit (Unità Monetarja Ewropea)
EER	effective exchange rate (rata effettiva tal-kambju)
EMI	European Monetary Institute (Istitut Monetarju Ewropew)
EMU	Economic and Monetary Union (Unjoni Ekonomika u Monetarja)
ESA 95	European System of Accounts 1995 (Sistema Ewropea tal-Kontijiet 1995)
ESCB	European System of Central Banks (Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali)
EU	European Union (Unjoni Ewropea)
GDP	gross domestic product (prodott gross domestiku)
GESMES	generic statistical message (messaġġ statistiku ġeneriku)
i.i.p.	international investment position (pożizzjoni ta' l-investment internazzjonali)
IMF	International Monetary Fund (Fond Monetarju Internazzjonali)
M1, M2, M3	monetary aggregates defined and used by the ECB (aggregati monetarji definiti u użati mill-BĊE)
MFI	monetary financial institution (istituzzjoni finanzjarja monetarja)
MMF	money market fund (fond tas-suq tal-flus)
MUFAs	monetary union financial accounts (kontijiet finanzjarji ta' l-unjoni monetarja)
NCB	national central bank (bank ċentrali nazzjonali)
OFI	other (non-monetary) financial intermediary (intermedjarju finanzjarju ieħor (mhux monetarju))
OJ	Official Journal (of the European Union) (Ġurnal Uffiċjali (ta' l-Unjoni Ewropea))
SDMX	statistical data and metadata exchange (skambju ta' data u metadata statistika)
SDR	special drawing right (dritt speċjali ta' kreditu)
SNA 93	System of National Accounts 1993 (Sistema ta' Kontabilità Nazzjonali 1993)

Nota:

It-test fih ħafna referenzi għal strumenti legali tal-BĊE u tal-Komunità u materjal ieħor. L-istrumenti legali tal-BĊE huma elenkati fit-taqsima 16, u materjal importanti ieħor li jissemma jinsab fl-Anness 3. Il-verżjoni elettronika ta' dan id-dokument (li jinsab f'[www.ecb.int/publications](http://www.ecb.int/publications)) fih link għad-dokumenti elenkati.



## 1 SOMMARJU EŻEKUTTIV

### 1.1 L-UŻU, IL-KONTENUT U L-KARATTERISTIĊI EWLENIN TA' L-ISTATISTIKA TAL-BĊE

1. L-għan ewlieni ta' l-Ewrosistema<sup>1</sup> hu li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona ta' l-euro. Bla ħsara għall-istabbiltà tal-prezzijiet, din għandha ssostrni politika ekonomika ġenerali fiż-żona ta' l-euro. Għal dawn l-għanijiet, il-Bank Ċentrali Ewropew imexxi l-politika monetarja fiż-żona ta' l-euro u jista' jwettaq operazzjonijiet ta' kambju ta' munita barranija. Għandu wkoll jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Biex isir dan ix-xogħol jenħtiegħ ammont kbir ta' tagħrif statistiku, li jiġi pprovdut mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) jew mill-Ewrosistema jew mill-Kummissjoni Ewropea (prinċipalment mill-Eurostat) b'kooperazzjoni ma' l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika<sup>2</sup>. Dan id-dokument jiffoka l-iżjed fuq l-istatistika meħtieġa biex issostni dan ix-xogħol. Is-SEBĊ tiġbor ukoll statistika għal għanijiet iżjed operazzjonali, l-iżjed dik marbuta ma' sistemi ta' pagamenti u ħlas; din l-istatistika hi mogħtija iżjed fil-qosor. Il-biċċa l-kbira tad-diskussjoni hi dwar data aggregata taż-żona ta' l-euro. Il-kontribuzzjonijiet nazzjonali għal dawn l-aggregati, u tagħrif statistiku miġbur mill-banek ċentrali għal għanijiet nazzjonali, mhumiex is-suġġett ta' dan id-dokument.

2. B'mod ġenerali, il-BĊE u l-Kummissjoni jassumu r-responsabbiltà għall-istatistika skond il-mod ta' proċedura kif ġej. Il-BĊE hu responsabbli fuq livell Ewropew għall-istatistika dwar il-flus, l-attività bankarja u s-swieq finanzjarji. Ir-responsabbiltà tinqasam mal-Kummissjoni fl-oqsma tal-bilanċ tal-pagamenti (b.o.p.), il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali, il-kontijiet finanzjarji, u l-kontijiet mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali. Il-Kummissjoni hi responsabbli għal oqsma oħra ta' l-istatistika, flimkien mal-BĊE, bħala utent, li għandu interess qawwi fl-istatistika tal-prezzijiet u spejjeż, kontijiet nazzjonali u firxa wiesgħa ta' statistika ekonomika oħra. Dawn is-setturi ta' responsabbiltà, u l-

arranġamenti għall-kooperazzjoni, huma stabbiliti f'Memorandum ta' Ftehim, li dwar il-verżjoni kurrenti tiegħu sar ftehim f'Marzu 2003.

3. L-għan ta' dan id-dokument, li jaġġorna dokument imsejjaħ "Tagħrif Statistiku miġbur u kkompilat mis-SEBĊ" (ippubblikat mill-BĊE f'Mejju 2000) hu li jipprovi sors uniku u aċċessibbli ta' tagħrif dwar l-istatistika tal-BĊE. Ifisser il-forniment ta' data statistika ta' l-aħħar tas-sena 2005, u jindika fejn id-data hi s-suġġett ta' strumenti legali tal-BĊE. Id-dokument jindika wkoll żviluppi oħra possibbli fejn l-istatistika tal-BĊE għad mhix kompluta jew mhix adegwata. Ir-rekwiżiti tal-BĊE għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-istatistika ekonomika ġenerali, li, f'livell Komunitarju huma r-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea, huma s-suġġett ta' publikazzjoni separata tal-BĊE msemmija "Analiżi tar-rekwiżiti fil-qasam ta' l-istatistika ekonomika ġenerali" (Diċembru 2004). Madankollu, il-BĊE jagħmel xi xogħol statistiku minn rajh f'dan il-qasam. L-eżempji ewlenin huma l-aġġustament staġunali ta' l-indiċi armonizzati tal-prezzijiet għall-konsumatur maħruġ kull xahar mill-Kummissjoni Ewropea, u użat biex jissorvelja l-inflazzjoni fiż-żona ta' l-euro, u l-kompilazzjoni ta' medji semestrali tal-prezzijiet tal-proprjetà residenzjali fiż-żona ta' l-euro bbażati fuq data mhux armonizzata. Il-prezzijiet armonizzati għall-konsumatur aġġustati għall-istaġun u l-prezzijiet tal-proprjetà residenzjali mhumiex diskussi f'dan id-dokument.

4. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ta lill-Istitut Monetarju Ewropew (EMI) id-dmir li jħejji statistika għat-Tielet Stadju ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) u, b'mod speċifiku, id-dmir li jhegġegħ l-armonizzazzjoni meħtieġa ta' l-istatistika. F'Lulju 1996 l-EMI

1 L-Ewrosistema tikkonsisti fil-BĊE u l-banek ċentrali ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea li addottaw l-euro. Is-SEBĊ tikkonsisti fil-BĊE u l-banek ċentrali ta' l-Istati Membri kollha ta' l-UE.

2 L-Eurostat hu l-uffiċċju ta' l-istatistika tal-Komunitajiet Ewropej. L-Eurostat u l-istituti nazzjonali ta' l-istatistika ta' l-Istati Membri ta' l-UE flimkien jiffurmaw is-Sistema Ewropea ta' l-Istatistika.

ħareġ dikjarazzjoni tar-rekwiżiti statistiċi meħtieġa biex tidħol fis-seħħ l-UEM. Fit-Tielet Stadju ta' l-EMU, li beda f'Jannar tal-1999, il-BĊE, mgħejjun mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) ta' l-Unjoni Ewropea (UE), għandu jiġbor statistika biex ikun jista' jsir ix-xogħol tas-SEBĊ, u għandu jikkontribwixxi biex, fejn meħtieġ, tiżdied l-armonizzazzjoni tagħhom. Fi ħdan is-SEBĊ, l-Istatut<sup>3</sup> jirrikjedi li l-BĊE jfisser it-tagħrif statistiku meħtieġ biex jitwettaq ix-xogħol tas-SEBĊ, u li l-ġbir ta' l-istatistika jsir kemm jista' jkun mill-BĊN. B'mod ġenerali, huma (u, f'ċerti każi, awtoritajiet nazzjonali oħra) jiġbru data mingħand istituzzjonijiet li jirrapportaw u minn sorsi nazzjonali oħra, jikkompilaw kontribuzzjonijiet għall-aggregati taż-żona ta' l-euro, u jittrasmettu dan it-tagħrif lill-BĊE, li jikkompila l-aggregati għaż-żona ta' l-euro. Il-BĊE u l-BĊN jiżviluppaw il-metodoloġiji statistiċi flimkien.

5. Il-BĊN jikkontribwixxu wkoll għat-tħejjija ta' atti legali tal-BĊE fil-qasam ta' l-istatistika skond l-Artikoli 34 u 14.3 ta' l-Istatut u fi ħdan il-qafas tar-Regolament tal-Kunsill ta' l-UE (KE) Nru. 2533/98 dwar l-istatistika tal-BĊE. Meta l-ħtiġijiet tal-BĊE jkunu stabbiliti biżżejjed, ir-rekwiżiti jiġu fformalizzati permezz ta' strument legali addottat mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE. Lista ta' dawn l-istrumenti tinsab fit-taqsim 16; biż-żmien bdew ikopru żoni iżjed wesgħin tal-forniment ta' data statistika lill-BĊE, fil-kwadru stabbilit fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Għal ħafna tagħrif supplementari, u fejn il-ħtiġijiet statistiċi tal-BĊE jkunu għadhom mhux stabbiliti għal kollox, il-BĊE, tabilħaqq, iserraħ fuq il-poteri tal-BĊN (u awtoritajiet nazzjonali oħra) biex jakkwista l-istatistika.

6. Minbarra kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet Komunitarji, l-Istatut jirrikjedi li l-BĊE jikkoopera ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fi kwistjonijiet ta' statistika. Kemm jista' jkun, l-istatistika tal-BĊE tikkonforma ma' standards Ewropej u internazzjonali (xi ftit diverġenzi meħtieġa huma msemmija f'dan id-dokument). Minbarra li jirrendi l-istatistika iżjed utli, dan jgħin biex

inaqqas il-piż tar-rappurtar. Għal dan il-għan il-BĊE żviluppa proċedura ta' mertu u spejjeż li biha proposti għal tibdil maġġur fl-istatistika hu spejġat u ġġustifikat, mifli bir-reqqa, kemm jista' jkun tiġi smata l-ispiża tiegħu, u jekk ikun meħtieġ, il-proposti jiġu mmodifikati jew imwarrba.

7. Il-fokus ewlieni tar-responsabbiltà tal-politika ta' l-Ewrosistema hi ż-żona ta' l-euro. Biex tkun utli, l-istatistika għandha tkun aggregata biex tkopri ż-żona ta' l-euro. Dan ir-rekwiżit iqajjem kwistjonijiet ta' armonizzazzjoni (minħabba li d-data trid tkun omoġenja biżżejjed biex tippermetti aggregazzjoni li tagħmel sens) u, b'mod speċjali fl-oqsma ta' l-istatistika tal-flus u ta' l-attività bankarja u statistika dwar il-b.o.p. u l-i.i.p. (u l-kontijiet finanzjarji li parzjalment joħorġu minnhom), joħloq il-ħtieġa ta' tagħrif biżżejjed biex ikunu jistgħu jiġu kkompilati l-aggregati taż-żona ta' l-euro. B'mod partikolari, transazzjonijiet u pożizzjonijiet fi ħdan iż-żona ta' l-euro għandhom jiġu distinti minn dawk barra ż-żona biex jippermettu li ssir konsolidazzjoni fil-livell taż-żona ta' l-euro.

8. Minbarra d-data taż-żona ta' l-euro, kontributi nazzjonali għall-aggregati taż-żona ta' l-euro jistgħu jkunu komponent importanti fl-analiżi ta' l-iżviluppi, inklużi l-mekkaniżmu tat-trasmissjoni tal-politika monetarja u l-grad ta' l-integrazzjoni tas-suq. Barra dan, l-Artikolu 5 ta' l-Istatut dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku japplika għall-Istati Membri kollha ta' l-UE, u skond l-Istatut, l-istatistika hi r-responsabbiltà tal-Kunsill Ġenerali tal-BĊE, li jinkludi l-gvernaturi tal-banek ċentrali ta' l-Istati Membri ta' l-UE li mhumiex fiż-żona ta' l-euro. Ir-Regolament tal-Kunsill ta' l-UE dwar l-istatistika tal-BĊE jirrikonoxxi li waqt li l-istrumenti legali addottati mill-BĊE ma jorbtux lill-Istati Membri mhux parteċipanti, l-Istati Membri ta' l-UE kollha għandhom jikkontribwixxu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti skond l-Artikolu 5 ta' l-Istatut. Għalhekk, Stati

3 L-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew hu protokoll tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ffirmat f'Maastricht fi Frar 1992.

Membri mhux parteċipanti jipprovdu lill-BĊE b'ħafna tagħrif statistiku li jintuża fis-sorveljanza ta' l-ekonomiji tagħhom u fl-istimi ta' l-istat tat-tnejjija tagħhom biex jaddottaw l-euro.

9. Il-frekwenza u l-puntwalità (u naturalment aspetti oħra tal-kwalità) huma parti integrali tar-reqwiziti. Biex il-BĊE jkun jista' jipubblika puntwalment l-aggregati taż-żona ta' l-euro dwar il-flus u l-attività bankarja, dwar swieq finanzjarji u l-b.o.p., hu meħtieġ li d-data ta' kull xahar tkun disponibbli għall-BĊE f'perijodi ta' bejn tlieta u seba' ġimgħat wara t-tmiem tax-xahar li għalih jirreferu. Data trimestrali iżjed dettaljata għandha tkun disponibbli skond skeda ta' żmien itwal, ta' mhux iżjed minn tliet xhur. Data dwar kontijiet trimestrali taż-żona ta' l-euro, li tiddependi ħafna minn sorsi trimestrali oħra bilfors tiġi prodotta iżjed tard; madankollu, fuq żmien twil, l-għan hu li tkun disponibbli fi żmien tliet xhur wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi.

10. Tagħrif statistiku hu l-iżjed utli għall-analiżi ekonomika jekk ikun disponibbli ammont konsiderevoli ta' data komparabbli fuq tul ta' żmien. Għal ħafna statistika taż-żona ta' l-euro, saru l-aħjar stimi għal perijodi ta' qabel il-bidu tas-serje, f'xi każi sa l-1980 jew ukoll qabel, għalkemm data daqshekk mbiegħda ma tistax titqabbel għal kollox ma' data kurrenti.

## 1.2 STATISTIKA MONETARJA, TA' L-ISTITUZZJONIJET FINANZJARJI U TAS-SWIEQ

11. L-istrateġija tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema tagħti rwol prominenti lill-flus, kif issinjulat bit-tħabbira ta' valur ta' referenza għat-tkabbir ta' l-M3, li hu aggregat monetarju wiesa'. Il-flus jikkonsistu l-iktar f'obligazzjonijiet likwidi ta' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFI) li jikkostitwixxu l-popolazzjoni li tirrapporta dwar statistika monetarja. Il-kriterju biex istituzzjoni tiġi inkluża fis-settur ta' l-MFI hu, fil-qosor, li l-istituzzjoni kkonċernata taċċetta depożiti (mingħand entitajiet oħrajn li mhumiex MFI) jew toħroġ strumenti finanzjarji li jixbħu mill-

qrib lid-depożiti, u tagħti krediti u/jew tagħmel investimenti f'titoli. Il-BĊN (li, flimkien mal-BĊE, huma nnifishom parti mis-settur MFI) jipprovdu listi ta' istituzzjonijiet finanzjarji li jissodisfaw din id-definizzjoni. Id-definizzjoni tmur lil hinn minn istituzzjonijiet ta' kreditu kif imfissra fil-Liġi Komunitarja, l-iżjed minħabba li huma inklużi l-fondi tas-swieq tal-flus (MMFs).

12. L-ewwel pass fl-iżvilupp ta' l-istatistika monetarja hu dak li jiddefinixxi s-settur omoġenju li joħloq il-flus. It-tieni pass hu dak li jispeċifika t-titli li għandhom jiġu inklużi f'karta tal-bilanċ konsolidata ta' dak is-settur ("konsolidata" tfisser li t-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet fi ħdan is-settur ikunu nnettjati). Il-karta tal-bilanċ konsolidata ta' l-MFI tipprovdi l-bieċa l-kbira tad-data għall-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji ta' kull xahar u l-kontropartijiet tal-flus.

13. Minħabba t-tifsira miftiehma ta' l-MFI, il-karta tal-bilanċ konsolidata ta' l-MFI tipprovdi sors ta' data monetarja li hi konċettwalment ekwivalenti għall-karti tal-bilanċ tas-settur bankarju nazzjonali li fuqhom is-soltu tiġi bbażata l-istatistika monetarja nazzjonali. Il-gvern ċentrali u s-setturi mhux residenzjali huma "newtrali għal dak li għandu x'jaqsam mal-flus", jiġifieri l-investimenti tagħhom fi strumenti monetarji mhumiex inklużi fl-istock tal-flus. Tali setturi għandhom jiġu definiti, u l-investimenti tagħhom fi strumenti monetarji ma' MFI taż-żona ta' l-euro għandhom jitħallew barra mill-aggregati monetarji taż-żona ta' l-euro. Id-definizzjonijiet ta' gvern, ta' residenza, u tas-sub-setturi li jinkludu s-settur tal-flus, jiġu applikati b'mod konsistenti fiż-żona ta' l-euro kollha, skond is-Sistema Ewropea tal-Kontabilità fil-Komunità 1995 (ESA 95) stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2223/96. Xi ftit mit-tagħrif iżjed dettaljat ikun disponibbli biss fuq bażi trimestrali.

14. Tagħrif ta' kull xahar dwar rati ta' mgħax fuq strumenti monetarji u ta' kreditu hu importanti wkoll. Data dwar ir-rati ta' l-imgħax hi meħtieġa biex tiġi ssorveljata t-trasmissjoni



tal-politika monetarja, biex wieħed jifhem aħjar l-istruttura tas-swieq finanzjarji, u biex jiġu stmati l-kondizzjonijiet finanzjarji fis-setturi differenti ta' l-ekonomija taż-żona ta' l-euro. L-istituzzjonijiet tal-kreditu u xi entitajiet oħra (li jirrappreżentaw b'mod assolut l-ikbar parti tas-settur MFI) jirrapportaw ir-rati ta' l-imgħax imħallas u ċċarġjat fuq negozju ġdid u fuq dak pendenti li għandhom f'euro ma' individwi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro. It-tagħrif dwar ir-rati ta' l-imgħax jikkorrispondi mal-kategoriji tal-karti tal-bilanċ ta' l-MFI.

15. Tiġi pprovduta wkoll data għal oqsma oħra marbuta ma' l-istatistika monetarja. Għal min jissellef, ħruġ ta' titoli,<sup>4</sup> u self mogħti minn intermedjarji finanzjarji "oħrajn" (mhux monetarji) (OFIs) huma alternattiva għall-iffinanzjar bankarju; għal min isellef, ishma/unitajiet maħruġa minn fondi ta' l-investment huma sostitut għal ċerti krediti kontra l-banek. Fondi ta' investment, xi OFIs oħra, u korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni huma parteċipanti kbar u attivi fis-swieq finanzjarji. Prezzijiet u redditi tas-swieq finanzjarji jista' jkollhom effetti mifruxa ħafna fuq l-iżviluppi ekonomiċi u jistgħu wkoll jirrivielaw l-aspettattivi tas-suq dwar l-inflazzjoni u l-attività ekonomika. Il-BĊE jiġbor ħafna tagħrif dwar is-swieq finanzjarji (bħal ħruġ ta' titoli, u prezzijiet u redditi tas-swieq finanzjarji). L-iżjed istituzzjonijiet finanzjarji importanti barra s-settur ta' l-MFI huma l-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni, li dwarhom il-BĊE jiġbor tagħrif skond il-Linja Gwida BĊE/2002/7, kif emendata bil-BĊE/2005/13, u fondi ta' l-investment li mhumiex MMF, li dwarhom il-BĊE bi ħsiebu jaddotta regolament dalwaqt.

### 1.3 BILANĊ TAL-PAGAMENTI U STATISTIKA ESTERNA RELATATA

16. Fil-qasam tal-b.o.p. u statistika esterna relatata, għall-għanijiet tal-politika monetarja hemm rekwiżit għal statistika ta' kull xahar dwar il-b.o.p. li turi t-titli ewlenin li jaffettwaw l-iżviluppi monetarji u s-swieq tal-kambju, biż-

żieda ta' statistika trimestrali iżjed dettaljata. Qafas metodoloġiku konsistenti jippermetti li jiġu kkollegati l-istatistika monetarja u dik tal-b.o.p. għaż-żona ta' l-euro. Hemm ukoll rekwiżit għal statistika ta' kull xahar dwar ir-riżervi internazzjonali ta' l-Ewrosistema u l-likwidità f'munita barranija, u għal statistika trimestrali u statistika annwali iżjed dettaljata dwar il-pożizzjoni ta' l-i.i.p., li jagħtu rendikont komprensiv tal-kreditu u d-debiti taż-żona ta' l-euro mal-bqija tad-dinja. Statistika relatata oħra tinkludi stokks u flussi fil-portafoll ta' l-investment ta' kull sitt xhur, maqsuma skond il-munita, biex jintużaw fl-istima tar-rwol internazzjonali ta' l-euro bħala munita ta' investment; ħafna banek ċentrali jipprovdu wkoll statistika dwar l-użu ta' l-euro fil-fatturazzjoni ta' transazzjonijiet ma' barra.

17. L-aggregati li jkopru ż-żona ta' l-euro jirrapportaw krediti u debiti u assi u obligazzjonijiet b'mod separat. Għal dan il-għan, il-pajjiżi li jiffurmaw iż-żona ta' l-euro għandhom jaqsmu t-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet trans-konfini fi transazzjonijiet u pożizzjonijiet fi ħdan iż-żona ta' l-euro u transazzjonijiet u pożizzjonijiet mal-bqija tad-dinja. Il-b.o.p. trimestrali u l-i.i.p. annwali jipprovdu analiżi ġeografika, skond il-pajjiżi jew grupp ta' pajjiżi, ta' kontropartijiet għat-transazzjonijiet u pożizzjonijiet esterni taż-żona ta' l-euro.

18. Waqt li dawn ir-rekwiżiti jikkonformaw kemm jista' jkun ma' l-istandards stabbiliti fil-Manwal dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti (il-ħames edizzjoni) tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), il-BĊE addotta wkoll xi proposti dwar l-armonizzazzjoni li huma speċifiċi għall-ħtiġijiet Ewropej, kif ukoll miżuri biex jintegra l-b.o.p. taż-żona ta' l-euro ma' l-istatistika monetarja u mal-kontijiet ekonomiċi u finanzjarji. L-istatistika dwar il-b.o.p. u l-i.i.p.

4 It-titoli huma l-akbar kategorija ta' strumenti finanzjarji fiż-żona ta' l-euro, u huma importanti fl-oqsma kważi kollha ta' l-istatistika tal-BĊE. Dan l-aħħar il-BĊE żviluppa bażi ta' data li jkun fiha tagħrif komprensiv dwar titoli b'applikazzjonijiet statistiċi, analitiċi u operazzjonali diversi, kif imfisser fil-paragrafu 79.

tikkontribwixxi għall-istima tar-rwol internazzjonali ta' l-euro u hi relatata mat-tħaddim tas-sistemi tal-pagament u tal-ħlas tat-titoli. Il-BĊE għandu interessi varji f'dawn l-oqsma u qed jaħdem biex itejjeb il-konsistenza tad-data.

19. Fil-qasam ta' l-istatistika tal-b.o.p. u ta' l-i.i.p., il-BĊE u l-Eurostat jaħdmu flimkien mill-qrib. Il-BĊE jiġbor l-aggregati għaż-żona ta' l-euro, waqt li l-Eurostat jiġbor l-istatistika għall-Unjoni Ewropea kollha. Dwar il-qafas metodoloġiku, il-BĊE jiffoka fuq il-kont finanzjarju u dħul relatat, u l-Eurostat jiffoka fuq il-bqija tal-kont kurrenti u fuq il-kont kapitali. Il-BĊE u l-Eurostat it-tnejn għandhom interess qawwi fl-investment dirett.

20. Il-BĊE jiġbor ukoll indiċijiet tar-rati effettivi tal-kambju ta' l-euro, f'termini nominali u reali, billi juża tipi varji ta' miżuri li jnaqqsu l-inflazzjoni.

#### 1.4 STATISTIKA DWAR IL-FINANZI TAL-GVERN

21. Il-BĊE għandu interess qawwi fil-finanzi tal-gvern għal diversi raġunijiet. Il-BĊE, bħall-Kummissjoni, iħejji rapporti perjodiċi ta' "konverġenza" li jistmaw l-istat tat-tħejjija ta' Stati Membri mhux parteċipanti biex jaddottaw l-euro, u għal dan, id-defiċit u d-dejn pendenti tal-gvernijiet huma kriterji importanti. Il-BĊE jsegwi wkoll mill-qrib l-iżviluppi skond il-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv. Dawn l-attivitajiet jeħtieġu data annwali, li tinġabar skond il-Linja Gwida BĊE/2005/5, kif emendata, f'forma li tħaffef l-analiżi tad-defiċit u d-dejn tal-gvernijiet (kif definiti għall-għanijiet tal-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir), u li ssegwi r-relazzjoni bejn defiċit u l-bidla fid-dejn, tipprovdi kollegament bejn din id-data u d-data bbażata fuq l-ESA 95 li hi xi ftit differenti, u tagħmilha possibbli għall-BĊE li jiġbor l-aggregati taż-żona ta' l-euro u ta' l-UE bit-trattament xieraq tal-pagamenti lil u mill-baġit tal-Komunità Ewropea. Barra dan, l-attivitajiet tal-gvern għandhom impatt maġġur fuq l-iżviluppi ekonomiċi wkoll. Għalhekk, il-BĊE jissorvelja

wkoll id-data trimestrali dwar it-transazzjonijiet tal-gvern. Din id-data tinġabar skond il-leġislazzjoni tal-Komunità.

#### 1.5 KONTIJET TAŻ-ŻONA TA' L-EURO GĦAS-SETTURI ISTITUZZJONALI

22. Il-kontijiet finanzjarji trimestrali ta' l-unjoni monetarja (MUFAs) jsegwu s-sistema integrata kif imfissra fl-ESA 95. Bl-għajjnuna ta' l-istatistika rilevanti taż-żona ta' l-euro u tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali, il-BĊE jikkompila kontijiet finanzjarji trimestrali li jkopru ż-żona ta' l-euro biex jikkompleta r-riċerka dwar l-analiżi u l-politika monetarji. Il-kontijiet finanzjarji għandhom qed jiġu żviluppati; meta jkunu kompluti għandhom jipprovdu sistema konsistenti biex jiġu rreġistrati relazzjonijiet finanzjarji qalb is-setturi istituzzjonali kif ukoll stampi trimestrali ta' ammonti pendenti ta' teħid u għoti ta' self, u b'hekk jippermettu li ssir analiżi komprensiva ta' l-investment finanzjarju u ta' l-iffinanzjar. Billi huma bbażati fuq standards internazzjonali ta' kontabilità statistika, il-MUFAs trimestrali huma wkoll strument qawwi biex tinkiseb konsistenza fi ħdan l-oqsma kollha ta' l-istatistika. Mir-rebbiegħa tal-2007 'l quddiem, il-MUFAs se jiġu integrati mal-kontijiet trimestrali tas-settur mhux finanzjarju li bħalissa qed jiġu żviluppati mill-BĊE flimkien mal-Kummissjoni biex jipprovdu stampa komprensiva tat-transazzjonijiet u tal-pożizzjonijiet finanzjarji ta' l-oqsma istituzzjonali taż-żona ta' l-euro. Il-kontijiet trimestrali taż-żona ta' l-euro se jkunu l-aqwa kisba ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro, billi jgħaqqdu flimkien l-elementi differenti. It-tlestija tagħhom hi bħalissa l-ogħla prijorità tal-BĊE fil-qasam ta' l-istatistika.

#### 1.6 L-ISKAMBJU TA' TAGĦRIF STATISTIKU

23. Sistemi tajbin ta' skambju ta' data jikkontribwixxu għall-puntwalità u l-kwalità. Is-sistema ta' skambju reċiproku tas-SEBĊ taħdem bla xkiel u l-biċċa l-kbira awtomatikament. Din tirreaġixxi b'mod faċili

għal rekwiżiti statistiċi ġodda u taċċetta data ġdida b' mod effiċjenti u konsistenti.

24. Is-sistema tas-SEBĊ hi bbażata fuq l-użu ta' netwerk speċjali tat-telekomunikazzjoni u fuq format stàndardizzati ta' messaġġi statistiċi – il-messaġġ ġeneriku għal statistika fuq serje ta' żmien (GESMES/TS) – li qed jintuża ħafna wkoll bħala l-istàndard għall-iskambju ta' data u metadata statistika (jiġifieri tagħrif dwar id-data) mal-Kummissjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali. GESMES/TS (SDMX-EDI) u SDMX-ML (li tkompli tisfrutta l-internet u teknoloġiji moderni oħra) huma messaġġi bbażati fuq l-istess mudell ta' data. It-tnejn huma mmaniġġati taħt l-umbrella ta' l-inizjattiva ta' l-iskambju tad-Data u tal-Metadata Statistika (SDMX) imwaqqfa minn organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali, inkluż il-BĊE, biex iħeġġu stàndards komuni u l-aħjar prassi fl-iskambju u l-użu flimkien ta' data statistika.

25. Il-BĊE ilu li qiegħed id-data taż-żona ta' l-euro fil-websajt tiegħu biex tkun disponibbli għall-pubbliku. Inizjattiva reċenti tkabbar dan l-aċċess biex jinkludi ġabra ta' kontribuzzjonijiet nazzjonali u statistika relatata biex l-utenti ma jkollhomx ifittxuhom fil-websajts tal-BĊN. L-istess data, flimkien ma' materjal deskrittiv, hi ppreżentata fl-istess ħin bil-lingwi nazzjonali fil-websajts tal-BĊN.

## **2 STATISTIKA DWAR ISTITUZZJONIJET FINANZJARJI MONETARJI (MFIS)**

### **2.1 INTRODUZZJONI**

26. Is-sistema statistika għaż-żona ta' l-euro li tkopri s-settur ta' l-MFI fiha żewġ elementi ewlenin: lista ta' MFI kif definiti għal għanijiet statistiċi u speċifikazzjoni tat-tagħrif statistiku rrappurtat minn dawn l-MFI b' intervalli ta' xahar u tliet xhur. Ir-Regolamenti jstabbilixxu liema data għandha tiġi rrappurtata mill-MFI lill-BĊN. Linja Gwida (BĊE/2003/2, kif emendata) tispeċifika l-kontenut, il-format, l-iskeda ta' żminijiet, eċċ. għat-trasmissjoni tad-

data dwar l-MFI mill-BĊN lill-BĊE, id-data li l-Ewrosistema nnifisha għandha tipprovdi dwar il-ħidma tagħha u tagħrif relatat ieħor li l-BĊE jeħtieġ iżda li mhux kopert b' regolamenti.

27. Karta tal-bilanċ konsolidata ta' kull xahar tas-settur li joħloq il-flus fiż-żona ta' l-euro hi rekwiżit statistiku ewleni. Ir-Regolament BĊE/2001/13, kif emendat, dwar il-karta tal-bilanċ konsolidata tas-settur MFI, jipprovdi l-bażi legali biex tinkiseb din id-data. Ikopri wkoll iżjed tagħrif meħtieġ biex jiġu derivati t-transazzjonijiet użati għall-kalkolu tar-rati tat-tkabbir monetarju. Għalhekk, il-karta tal-bilanċ ta' l-MFI tagħti l-komponenti ewlenin biex jiġu kkompilati l-aggregati u l-kontropartijiet monetarji għaż-żona ta' l-euro. Il-karti tal-bilanċ ta' l-MFI jipprovdu wkoll il-bażi statistika biex jiġu kkalkolati r-riżervi minimi li l-istituzzjonijiet tal-kreditu huma obbligati jżommu.

28. Regolament ieħor (BĊE/2001/18, kif emendat) jikkonċerna r-rati ta' l-imgħax imħallsa u ċċarġjati mill-istituzzjonijiet tal-kreditu u ċerti entitajiet oħra fin-negożju tagħhom denominat f'euro ma' individwi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro.

### **2.2 X'HINUMA L-ISTITUZZJONIJET FINANZJARJI MONETARJI?**

29. Il-BĊE, mgħejjun mill-BĊN, iżomm lista ta' MFI kif definiti għal għanijiet statistiċi skond il-prinċipji ta' klassifika mfissra hawn taħt. Proċeduri stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2003/2, kif emendata, jiżguraw li l-lista ta' l-MFI tibqa' aġġornata, eżatta, omoġenja kemm jista' jkun u stabbli biżżejjed għal għanijiet statistiċi. Din il-lista għandha wkoll tirreaġixxi għal innovazzjonijiet finanzjarji li jistgħu jaffettwaw il-karatteristiċi ta' l-istrumenti finanzjarji u jħajru l-istituzzjonijiet finanzjarji biex ibiddlu l-fokus tan-negożju tagħhom. Il-lista ta' l-MFI kif definiti għal għanijiet statistiċi u l-lista tal-kontropartijiet kif definiti għal għanijiet ta' politika monetarja jaqblu f'xi partijiet, u dan jirrendi l-lista ta' l-

MFI importanti għal għanijiet kemm operazzjonali kif ukoll statistiċi.

30. L-Artikolu 2.1 tar-Regolament BĊE/2001/13 jiddefinixxi l-MFI kif ġej: “[Minbarra l-banek ċentrali] l-MFI jinkludu istituzzjonijiet tal-kreditu residenti kif imfisser fil-liġi Komunitarja, u l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom hu li jirċievu depożiti u/jew sostituti qrib tad-depożiti minn entitajiet li mhumiex MFI, u, akkont tagħhom (għall-inqas f’termini ekonomiċi), jagħtu krediti u/jew jagħmlu investimenti f’titoli.” Is-settur MFI għalhekk jinkludi, barra l-banek ċentrali, żewġ gruppi wesgħin ta’ intermedjarji finanzjarji residenti. Dawn huma istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fil-liġi Komunitarja (skond id-Direttivi dwar il-Koordinazzjoni Bankarja) bħala “intrapriża li n-negozju tagħha hu li tirċievi mingħand il-pubbliku, depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura, (inkluż ir-rikavat mill-bejgħ ta’ bonds bankarji lill-pubbliku)” u li tagħti kreditu akkont tagħha stess”, u istituzzjonijiet finanzjarji residenti oħra li jissodisfaw it-tifsira ta’ MFI billi joħorġu strumenti finanzjarji li huma sostituti qrib tad-depożiti.

31. Jekk strumenti finanzjarji jiġux meqjusa bħala sostituti qrib tad-depożiti jew le jiddependi mill-likwidità tagħhom, li fiha tiġbor il-karatteristiċi ta’ trasferibilità, konvertibilità f’munita jew f’depożiti trasferibbli, ċertezza kapitali u, f’xi każi, il-possibiltà li jiġu nnegozjati. It-terminu tal-ħruġ jista’ jkun importanti wkoll. Dawn il-prinċipji huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13.

32. M’hemmx suq fis-sens normali tal-kelma għal ishma f’intrapriżi ta’ investiment kollettiv bla żmien speċifiku (CIUs). Madankollu, l-investituri kuljum jistgħu jiksbu kwotazzjoni ta’ l-ishma u jistgħu jirtiraw il-fondi b’dak il-prezz. Xi CIUs, jiġifieri l-MMFs, huma inklużi fis-settur MFI għaliex l-ishma/l-unitajiet tagħhom huma kkunsidrati, f’termini ta’ likwidità, bħala sostituti qrib tad-depożiti. L-

MMFs jinvestu primarjament f’depożiti bankarji jew fi strumenti ta’ dejn li jkun baqgħalhom ftit biex jimmaturaw, u jistgħu jimmiraw għal rata ta’ qligħ simili għar-rati ta’ l-imgħax fuq strumenti tas-suq tal-flus. Il-kriterji biex jiġu identifikati l-MMFs huma stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament BĊE/2001/13.

33. Fl-ESA 95, l-intermedjarji finanzjarji kklassifikati bħala MFI jinqasmu f’żewġ sub-setturi, jiġifieri banek ċentrali (settur S.121 fl-ESA 95) u MFIs oħra (S.122). Fit-tmiem tal-2005, is-settur ta’ l-MFI fiż-żona ta’ l-euro kien jinkludi l-BĊE u t-nax-il BĊN, 6,248 istituzzjonijiet tal-kreditu, 1,645 MMFs, u erba’ istituzzjonijiet oħra. L-istituzzjonijiet tas-settur MFI bl-ebda mod ma huma kollha obbligati li jissodisfaw il-firxa kollha tar-rekwiżiti statistiċi. Sakemm id-data ta’ kull xahar tkopri mill-inqas 95% tat-total tal-karta tal-bilanċ nazzjonali ta’ l-MFI, il-BĊN jistgħu jeżentaw lill-MFI iż-żgħar mir-rappurtar regolari. Madankollu, l-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha għandhom jipprovdu ċertu tagħrif trimestrali għal għanijiet ta’ riżervi minimi, u l-MFI kollha għandhom jipprovdu tagħrif annwali biex jiġi kkontrollat li qed tintlaħaq kopertura ta’ 95% u għal-estrapolazzjoni ta’ l-ammont kollu. Jekk jixtiequ, l-BĊN jistgħu jiġbru d-data dwar ir-rati ta’ l-imgħax ta’ l-MFI abbażi ta’ kampjuni, waqt li jsegu l-proċedura stabbilita fir-Regolament BĊE/2001/18.

### 2.3 IL-KARTA TAL-BILANĊ KONSOLIDATA FUQ BAŻI TA’ KULL XAHAR

34. Il-karta tal-bilanċ konsolidata tipprovdi data ta’ kull xahar dwar in-negozju ta’ l-MFI f’biżżejjed dettall biex tagħti lill-BĊE tagħrif sħiħ dwar żviluppi monetarji fiż-żona ta’ l-euro. Il-karta tal-bilanċ hi kkonsolidata fis-sens li n-negozju bejn l-MFI jiġi nnettjat. L-istatistika monetarja miġbura mill-BĊE minn din id-data tidher fil-qosor fit-taqsima 2.5. Id-data ta’ kull xahar irrappurtata mill-istituzzjonijiet tal-kreditu tintuża wkoll biex jiġu kkalkolati l-bażijiet tar-riżervi individwali tagħhom.

35. L-istokk monetarju jinkludi karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni, obbligazzjonijiet monetarji oħra ta' l-MFI (depożiti u strumenti finanzjarji oħra li huma sostituti qrib tad-depożiti), u obbligazzjonijiet monetarji ta' aġenziji tal-gvern ċentrali bħal ma huma l-posta u t-teżor (ir-reqwiziti tal-BĊE dwar aġenziji tali huma speċifikati fl-Anness VII tal-Linja Gwida BĊE/2003/2). Il-kontropartijiet tal-flus jinkludu titli oħra fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI irranġati b'mod utli għall-analiżi. Il-BĊE jikkompila dawn l-aggregati għaż-żona ta' l-euro kemm bħala ammonti pendenti (stokks) kif ukoll bħala transazzjonijiet.

36. Il-BĊE jeħtieġ tagħrif statistiku maqsum skond l-istrument, il-maturità, il-munita u l-kontroparti. Billi japplikaw reqwiziti ta' rappurtar separat għall-obbligazzjonijiet u l-assi, iż-żewġ naħat tal-karta tal-bilanċ jiġu kkunsidrati wara xulxin.

### 2.3.1 KATEGORIJI TA' STRUMENTI U MATURITÀ

#### (a) Obbligazzjonijiet

37. L-analiżijiet ta' l-istrumenti li ġejjin jinġabru kull xahar; flus fiċ-ċirkolazzjoni; obbligazzjonijiet ta' depożiti, inklużi bilanċi fuq kards imħallsa bil-quddiem; ftehim ta' xiri mill-ġdid (repos); ishma/unitajiet tal-MMF; titoli ta' dejn maħruġa, inklużi titoli tas-suq tal-flus; kapital u riżervi; u l-bqija ta' l-obbligazzjonijiet. Il-Linja Gwida BĊE/2003/2 teħtieġ li kull sitt xhur, il-BĊN jipprovdu lill-BĊE data ta' kull xahar dwar obbligazzjonijiet ta' flus elettroniċi – tabilħaqq kull entità li toħroġ flus elettroniċi fiż-żona ta' l-euro hi istituzzjoni tal-kreditu. L-obbligazzjonijiet ta' depożiti huma mbaġħad maqsuma f'depożiti "overnight", depożiti b'maturità miftehma, u depożiti li jistgħu jinfedew mingħajr avviż. Obbligazzjonijiet oħra jinkludu mgħax dovut fuq obbligazzjonijiet (dan ma jaqbilx ma' l-ESA 95, li tirrakkomanda li l-imgħax dovut jiġi inkluż fil-kategorija ta' l-istrument korrispondenti).

38. Id-dati oriġinali tal-maturità (iktar milli dawk li jkun fadal) jistgħu jipprovdu sostitut għal analiżi ta' strument meta l-istrumenti

finanzjarji ma jkunux jistgħu jitqabblu b'mod sħiħ għas-swieq kollha. Id-dati ta' l-għeluq għall-faxex ta' maturità (jew għall-perijodi ta' l-avviż) fl-istatistika ta' kull xahar huma ta' maturità ta' sena jew tnejn meta jinħarġu għal depożiti b'maturità miftehma; u avviż ta' tliet xhur u (abbażi ta' rappurtar volontarju) avviż ta' sentejn għal depożiti li jinfedew mingħajr avviż. Depożiti mhux trasferibbli li jistgħu jiġu rtirati mingħajr avviż (depożiti ta' tfaddil li jistgħu jiġu rtirati mingħajr avviż) huma inklużi fil-faxxa ta' "mhux iżjed minn tliet xhur". Repos (is-soltu strumenti ta' żmien qasir ħafna, li dwarhom il-ftehim normalment ikun għal inqas minn tliet xhur) ma jiġux maqsuma skond il-maturità. Il-qsim skond il-maturità tat-titoli tad-dejn maħruġa mill-MFI (inklużi titoli tas-suq tal-flus) isir fuq sena u sentejn. M'hemm l-ebda qsim skond il-maturità għall-ishma/unitajiet maħruġa mill-MMFs għaliex għalihom dan il-kunċett ma jgħoddx.

#### (b) Assi

39. L-investimenti ta' l-assi ta' l-MFI jinqasmu kull xahar fi flus kontanti; self; titoli li mhumiex ishma, inklużi titoli tas-suq tal-flus; ishma/unitajiet tal-MMF; ishma u strumenti azzjonarji oħra; assi fissi; u assi oħra, li jinkludu mgħax dovut fuq l-assi. Jenħtieġ qsim tal-maturità skond il-maturità oriġinali fil-każ ta' self (sa sena u minn sena sa ħames snin) u fil-każ ta' investimenti ta' l-MFI f'titoli ta' dejn (fuq sena u sentejn).

### 2.3.2 MUNITI

40. Għat-titli rilevanti kollha tal-karta tal-bilanċ, ammonti denominati f'euro u f'munita oħra jridu jiġu rrapportati b'mod separat. Tagħrif trimestrali li jidentifika l-munita barranin ewlenin b'mod individwali jintuża biex jitneħħa l-effett ta' bidliet fir-rati tal-kambju minn data dwar il-flussi – ara hawn taħt.

### 2.3.3 KONTROPARTIJET

41. Kontropartijiet fiż-żona ta' l-euro jiġu identifikati mill-lista ta' l-MFI (jekk ikunu MFI) jew skond il-gwida pprovdata mill-BĊE (li hi konsistenti ma' l-ESA 95). Fiż-żewġ każi



ssir distinzjoni fil-karta tal-bilanċ ta' kull xahar ta' l-MFI bejn il-kontropartijiet residenti fl-istess Stat Membru ta' l-MFI li jkun qed jirrapporta, u kontropartijiet residenti f'inħawi oħra taż-żona ta' l-euro. Strumenti monetarji miżmuma mill-MFI innifishom (S.121 u S.122 fl-ESA 95), mill-gvern ċentrali (S.1311) u minn entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro huma esklużi mill-aggregati monetarji tal-BĊE u jridu jiġu identifikati biex jiġu maqtugħa għalihom l-ammonti f'idejn is-setturi tal-flus. Billi għal għanijiet ta' analiżi hemm interess konsiderevoli fis-setturi tal-flus individwali, l-MFI jipprovdu analiżi ta' kull xahar ta' l-obbligazzjonijiet tad-depożitu u jidentifikaw dawk miżmuma mill-amministrazzjoni ġenerali tal-gvern minbarra l-gvern ċentrali (S.1312, S.1313 u S.1314), minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11), minn OFIs (S.123, inklużi awżiljarji finanzjarji, S.124), minn korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (s.125) u minn individwi (S.14, inklużi istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ u li jservu lill-individwi, S.15). Self mill-MFI jinqasam kull xahar f'self lill-amministrazzjoni ġenerali tal-gvern u self lil setturi oħra elenkati hawn fuq, bi qsim ieħor ta' self lill-individwi fi kreditu għall-konsum, self għax-xiri tad-djar u self ieħor. Din l-analiżi dettaljata ta' kontropartijiet skond is-settur fl-istatistika ta' kull xahar, ivverifikata kontra l-analiżijiet tal-maturità u l-munita, fejn dan hu rilevanti, hi rekwiżit li ddaħħal permezz tar-Regolament BĊE/2001/13. Għal għanijiet tas-sistema tar-riżervi minimi, fil-kategoriji ta' depożiti b'maturità miftehma ta' iżjed minn sentejn u dawk li jistgħu jinfedew b'avviż ta' iżjed minn sentejn, u r-repos, isiru iżjed distinzjonijiet bejn obbligazzjonijiet lejn istituzzjonijiet tal-kreditu, lejn kontropartijiet oħra ta' l-MFI u lejn il-gvern ċentrali.

### 2.3.4 VERIFIKA TAL-KATEGORIJI TA' STRUMENT U MATURITÀ MA' MUNITI U KONTROPARTIJET

42. Il-ġbir ta' statistika monetarja għaż-żona ta' l-euro u l-kalkolu tal-bażijiet ta' riżerva ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu jeħtieġu li ċerta verifika bejn strumenti, maturità, munita u kontropartijiet jiġu rrapportati kull xahar. L-

ikbar dettall hu dak meħtieġ dwar il-kontropartijiet li huma parti mis-settur tal-flus. Analiżi tal-pożizzjonijiet fir-rigward ta' MFI oħra jiġu identifikati biss bħala meħtieġa biex jippermettu l-innettjar ta' bilanċi bejn l-MFI jew biex jiġu kkalkolati l-bażijiet ta' riżerva. Ukoll għal għanijiet tal-bażijiet tar-riżerva, analiżi tal-pożizzjonijiet fir-rigward ta' entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro hi meħtieġa għal depożiti b'maturità miftehma ta' iżjed minn sentejn, depożiti li jistgħu jinfedew b'avviż ta' iżjed minn sentejn, u repos. Analiżi tal-maturità ta' sena fuq depożiti miżmuma minn entitajiet mhux residenti hi meħtieġa għal għanijiet tal-b.o.p.

### 2.3.5 NEGOZJU TA' DERIVATI FINANZJARJI

43. Derivat finanzjarju hu strument finanzjarju marbut ma' strument finanzjarju ieħor jew ma' indiċi jew ma' prodott, li jippermetti li riskji speċifiċi (ta' tibdil fir-rati ta' l-imgħax jew tal-kambju jew fi prezzijiet jew fil-qagħda tal-kreditu, per eżempju) jiġu nnegożjati fi swieq finanzjarji bħala tali. L-ESA 95 tirrikjedi li l-pożizzjonijiet fid-derivati finanzjarji jiġu rreġistrati jekk ikollhom valur fis-suq jew jekk ikun hemm xi jpatti għalihom fis-suq, jiġifieri jekk parti f'kuntratt tista' fil-fatt tirriversjah billi tagħmel kuntratt ieħor b'effett oppost. Il-prezz kurrenti tas-suq ta' derivat jagħti valur lill-kreditu ta' parti waħda kontra l-oħra. Hu dan il-valur li jiġi rreġistrat fl-istatistika tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI jekk MFI tkun parti fil-kuntratt. Ma jimpurtax jekk kreditu jgħaddi minn parti għall-oħra jew le tul iż-żmien tal-kuntratt, jew jekk il-prezz tas-suq ikunx zero jew le – kif ikun fil-bidu ta' skambji u fejn marġni varjabbli jiġi aġġustat kontinwament. Għalhekk id-derivati jiġu rreġistrati fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI fuq bażi gross bil-valur tas-suq sakemm ir-regoli tal-kontabilità nazzjonali ma jeħtieġux l-irreġistrar f'kontijiet barra l-karta tal-bilanċ. Dawn jiġu kklassifikati taħt "assi oħra" jekk ikollhom valur pożittiv fir-rapportar tal-MFI, jew taħt "obbligazzjonijiet oħra" jekk ikollhom valur negattiv, u ma jiġu pprovdu l-ebda dettalji oħra. Minħabba li jirriflettu pożizzjonijiet ma' entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro, jiġu rreġistrati

wkoll fil-b.o.p. u l-i.i.p. – ara t-taqsimha 6 hawn taħt.

44. Għal għanijiet statistiċi, derivat jiġi ttrattat bħala strument finanzjarju separat mill-istrument bażi tiegħu li fuqu jkun imsejjes il-kuntratt. Għalhekk pożizzjonijiet tad-derivati rreġistrati fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI ma jurux l-istrument finanzjarju li fuqu jkunu bbażati, u lanqas ma jirreġistraw l-ammont nominali li bih ikun sar il-kuntratt. Il-BĊE jikseb tagħrif bħal dan l-iżjed minn sħarriġ regolari tal-BIS dwar l-attività globali tad-derivati.

### 2.3.6 KOMPILAZZJONI TA' STATISTIKA DWAR FLUSSI (JEW TRANSAZZJONIJET)

45. L-MFI jirrapportaw kemm l-obbligazzjonijiet kif ukoll l-assi tad-depożiti bħala self b'valur nominali (dan hu rekwiżit espliċitu skond ir-Regolament BĊE/2004/21 li jemenda l-BĊE/2001/13, għalkemm mhux meħtieġ li jiġi applikat għal kwalunkwe dejn mixtri jew għal self li kontrih l-MFI ikun għamel provvedimenti). Jekk huma denominati f'euro, partiti rrapportati b'valur nominali ma jġarrbux tibdil fil-valutazzjoni. Altrimenti, tibdil f'partiti pendenti fil-karta tal-bilanċ jirrifletti l-impatt ta' bdil fil-valutazzjoni u ri-klassifikazzjoni, kif ukoll tat-transazzjonijiet. Il-BĊE jipprova jaqta' għalihom it-transazzjonijiet ("flussi") matul ix-xahar billi jidentifika u jeskludi l-effett tar-rivalutazzjoni u tar-rikklassifikazzjoni, u mit-transazzjonijiet jikkalkola r-rati tat-tkabbir tal-partiti fil-karti tal-bilanċ ta' l-MFI, l-aggregati monetarji u ċerti kontropartijiet. Kif dan isir eżattament hu mfisser fin-noti tekniċi fit-taqsimha dwar l-istatistika taż-żona ta' l-euro tal-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE. L-aġġustamenti jikkorrispondu ma' "tibdil ieħor [jiġifieri minbarra tibdil transazzjonali] f'assi u obbligazzjonijiet" fis-Sistema ta' Kontabilità Nazzjonali 1993 (SNA 93) li tintuża globalment u l-ESA 95; u l-flussi aġġustati li minnhom jinġabru r-rati ta' tkabbir jikkorrispondu ma' "transazzjonijiet" fl-SNA 93 u l-ESA 95. Element ġdid li ddaħħal permezz tar-Regolament BĊE/2001/13 hu dak ta' l-obbligu impost fuq l-aġenti li jirrapportaw li jipprovdu ċerta data dwar tibdil tal-valutazzjoni biex il-flussi jistgħu

jiġu kkalkolati b'mod iżjed preċiż; qabel il-BĊE kien joqgħod fuq stmi pprovduti mill-BĊN. B'hekk, minbarra t-tagħrif dwar assi u obbligazzjonijiet pendenti, il-karta tal-bilanċ konsolidata tipprovdi tagħrif ta' kull xahar dwar tibdil fil-valutazzjoni u ċerti aġġustamenti oħra bħall-ikkanċellar ta' self. Skond il-Linja Gwida BĊE/2003/2 (Anness XII) il-BĊN huma meħtieġa jipprovdu kwalunkwe tagħrif disponibbli dwar is-sigurtà tas-self u t-trasferiment ta' self lil partijiet terzi b'mezzi oħra minn-naħa ta' l-MFI.

### 2.3.7 PUNTWALITÀ

46. Il-BĊE jirċievi mingħand il-BĊN karti tal-bilanċ aggregati ta' kull xahar li jkopru l-pożizzjonijiet ta' l-MFI f'kull Stat Membru fiż-żona ta' l-euro sa l-għeluq ta' l-uffiċċju tal-15-il jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi d-data. Il-BĊN jagħmlu arranġamenti biex jirċievu data fil-ħin mingħand l-istituzzjonijiet li jirrapportaw biex huma jirrapportaw fiż-żmien konċess. L-aggregati taż-żona ta' l-euro, inklużi l-aggregati monetarji ta' kull xahar meħuda mill-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, jinħarġu permezz ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet fid-19-il jum tax-xogħol wara x-xahar li għalih jirreferu.

### 2.4 STATISTIKA TAL-KARTI TAL-BILANĊ BI FREKWENZA TRIMESTRALI

47. Iżda, ċerta data mhix essenżjali għall-kompilazzjoni ta' l-aggregati monetarji għaż-żona ta' l-euro hi meħtieġa għal iżjed analiżi ta' l-iżviluppi monetarji jew għal għanijiet statistiċi oħra, bħall-kompilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji. L-istatistika tal-karti tal-bilanċ trimestrali tissodisfa għanijiet bħal dawn.

48. Analiżijiet trimestrali jiġu pprovduti biss għat-titli ewlenin tal-karta tal-bilanċ aggregata. Il-BĊE jista' jippermetti xi flessibilità dwar ħtiġijiet oħra ta' dettall trimestrali jekk ikun jidher miċ-ċifri miġbura fuq livell oġġla ta' aggregazzjoni li d-data involuta x'aktarx li ma tkunx sinifikanti.

#### **2.4.1 ANALIŻI SKOND IL-MATURITÀ U S-SETTUR TAS-SELF FIŻ-ŻONA TA' L-EURO**

49. Biex l-istruttura tal-maturità tal-finanzjament ġenerali tal-kreditu ta' l-MFI (self u titoli) tkun tista' tiġi ssorveljata kull trimestru, self lill-amministrazzjoni ġenerali minbarra l-gvern ċentrali jinqasam skond il-maturità oriġinali ta' sena jew ħames snin u investimenti ta' titoli maħruġa minn dawn l-aġenziji jinqas fuq maturità oriġinali ta' sena, u ż-żewġ titli jiġu vverifikati ma' analiżi ta' sub-settur ta' l-amministrazzjoni ġenerali minbarra l-gvern ċentrali. Investimenti f'titoli ta' dejn maħruġa minn intermedjarji finanzjarji barra s-settur ta' l-MFI u minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji jinqasam skond is-sub-settur u l-maturità oriġinali (fuq sena). Entitajiet li joħroġu ishma u kapital proprju ieħor ta' l-MFI jinqasam kull trimestru fis-sub-setturi li ġejjin: korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11), OFIs (S.123, inklużi awżiljarji finanzjarji, S.124), u korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni (S.125). L-MFI jipprovdu wkoll rendikont trimestrali tas-self tagħhom lill-gvern ċentrali u ta' l-investimenti tagħhom f'titoli ta' dejn maħruġa mill-gvern ċentrali, b'ebda analiżi oħra (fil-istatistika ta' kull xahar, kreditu ta' l-MFI lill-gvern ċentrali ma jintwerix separat fi ħdan il-kreditu lill-gvern ċentrali).

#### **2.4.2 ANALIŻI TRIMESTRALI TAS-SETTUR TA' L-INVESTIMENTI FIŻ-ŻONA TA' L-EURO**

50. Obbligazzjonijiet ta' depożitu lejn l-amministrazzjoni ġenerali minbarra l-gvern ċentrali jinqasam skond is-sub-settur (jiġifieri, gvern statali, S.1312; gvern lokali, S.1313; u fondi tas-sigurtà soċjali, S.1314).

#### **2.4.3 ANALIŻI SKOND IL-PAJJIŻ TA' POŻIZZJONIJET FIR-RIGWARD TA' RESIDENTI TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UE**

51. Għal obbligazzjonijiet ta' depożitu, self u investimenti ta' titoli (li jinkludu titoli li mhumiex ishma; ishma/unitajiet ta' l-MMF; u ishma u investimenti oħra), l-MFI jipprovdu analiżi trimestrali skond il-pajjiż tal-kontroparti (fil-każ ta' investimenti f'titoli, il-pajjiż li fih hi residenti l-entità li toħroġhom). Għal depożiti, self u investimenti f'titoli ta' dejn, hemm analiżi

oħra skond jekk il-kontroparti hijiex MFI jew le. Ir-Regolament BĊE/2003/10 jemenda l-BĊE/2001/13 biex jestendi dan it-trattament lill-għaxar Stati Membri ġodda jekk l-MFI fiż-żona ta' l-euro jkollhom negozju sinifikanti magħhom.

#### **2.4.4 ANALIŻI SKOND IL-MUNITA**

52. Xi analiżijiet tal-pożizzjonijiet ta' l-MFI skond munita individwali huma meħtieġa biex l-istatistika tal-flussi tkun tista' tiġi aġġustata għal tibdil fir-rata tal-kambju. Titli ewlenin tal-karta tal-bilanċ jinqasam kull trimestru skond il-munita ta' l-Istati Membri mhux parteċipanti u l-munita internazzjonali prinċipali (id-dollaru Amerikan, il-yen Ġappuniż u l-frank Żvizzeru). Ir-Regolament BĊE/2003/10 jemenda l-BĊE/2001/13 biex ikopri l-munita ta' l-għaxar Stati Membri ġodda jekk l-MFI fiż-żona ta' l-euro jkollhom negozju sinifikanti fihom. L-iżjed tagħrif trimestrali reċenti dwar ishma filmuniti jintuża biex tinġabar l-istatistika ta' kull xahar sakemm issir disponibbli l-ġabra ta' data trimestrali li jkun imiss.

#### **2.4.5 ANALIŻIJET SKOND IS-SETTUR TA' POŻIZZJONIJET LI GĦANDOM KONTROPARTIJET BARRA Ż-ŻONA TA' L-EURO**

53. Hi meħtieġa analiżi limitata skond is-settur dwar pożizzjonijiet li għandhom kontropartijiet barra ż-żona ta' l-euro (jiġifieri, Stati Membri oħra ta' l-UE u l-bqija tad-dinja), u ssir distinzjoni biss bejn pożizzjonijiet ma' banek (jew MFI f'pajjiżi ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro) u entitajiet li mhumiex banek, u dawn ta' l-aħħar jinqasam bejn amministrazzjoni ġenerali u oħrajn. Il-klassifika tas-setturi skond l-SNA 93 tapplika fejn ma tkunx fis-seħħ l-ESA 95. Din id-data hi meħtieġa l-iżjed għal għanijiet tal-b.o.p.

#### **2.4.6 PUNTWALITÀ**

54. Statistika trimestrali tiġi trasmessa mill-BĊN lill-BĊE sa l-għeluq ta' l-uffiċċju tat-tmienja u għoxrin jum tax-xogħol wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi. Il-BĊN jagħmlu arranġamenti biex jirċievu data fil-ħin mingħand l-istituzzjonijiet li jirrappurtaw biex huma

jirrapportaw fiż-żmien konċess. Ir-riżultati jiġu ppubblikati fil-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE li jkun imiss.

#### **2.4.7 KOMPILAZZJONI TA' STATISTIKA DWAR TRANSAZZJONIJET GĦAL SENSILJET DISPONIBBLI KULL TRIMESTRU**

55. Minbarra t-tagħrif dwar il-muniti msemmi hawn fuq, kull xahar jiġi rrapportat jew isir disponibbli b'xi mod ieħor tagħrif meħtieġ biex joħorġu t-transazzjonijiet minn ammonti pendenti tal-karta tal-bilanċ u biex jiġu kkalkolati r-rati tat-tkabbir. Fejn analiżijiet iżjed dettaljati tat-titli tal-karti tal-bilanċ jiġu rrapportati kull trimestru biss, flussi u rati ta' tkabbir jiġu kkalkolati bl-użu ta' aġġustamenti bbażati fuq data iżjed aggregata ta' kull xahar.

#### **2.5 AGGREGATI MONETARJI U KONTROPARTIJET**

56. Permezz ta' l-użu tad-data dwar il-karti tal-bilanċ ta' l-MFI u tagħrif supplimentari pprovdut mill-BĊN skond il-Linja Gwida BĊE/2003/2, kif emendata, il-BĊE jikkompila statistika ta' kull xahar dwar aggregati monetarji u kontropartijiet. Partiti f'munita barranija huma inklużi bħal ma huma partiti f'euro. L-aggregati monetarji jinkludu ċerti obbligazzjonijiet ta' l-MFI u ta' xi aġenziji tal-gvern ċentrali lejn residenti taż-żona ta' l-euro minbarra gvernijiet ċentrali u MFI. L-M1 jinkludi flus fiċ-ċirkolazzjoni u depożiti "overnight"; l-M2 hi s-somma ta' l-M1, depożiti b'maturità miftehma ta' mhux iżjed minn sentejn u depożiti li jinfedew wara avviż ta' mhux iżjed minn tliet xhur; u l-M3 hi s-somma ta' l-M2, repos (sakemm dawn ikunu rrappreżentati minn obbligazzjonijiet fil-karti tal-bilanċ ta' l-MFI), ishma/unitajiet u titoli ta' dejn tal-MMF, inklużi titoli tas-suq tal-flus, maħruġa minn MFI b'maturità ta' mhux iżjed minn sentejn. Id-dati ta' l-għeluq tal-maturità huma bbażati fuq il-maturità oriġinali. Issir ukoll analiżi ta' l-investimenti skond is-settur. Il-kontropartijiet ta' l-M3 huma l-komponenti l-oħra tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI konsolidata u rranġata mill-ġdid biex tgħin l-analiżi. Il-kontropartijiet ewlenin huma l-

reditu ta' l-MFI lill-amministrazzjoni ġenerali u lil residenti oħra taż-żona ta' l-euro, l-assi esterni netti ta' l-MFI u l-obbligazzjonijiet finanzjarji (mhux monetarji) tagħhom fuq żmien itwal. Meta l-kondizzjonijiet l-oħra jkunu l-istess, żidiet fil-reditu u fl-assi esterni netti jikkawunaw żieda fl-M3, waqt li żieda fl-obbligazzjonijiet mhux monetarji jnaqqsu l-M3. Bħal ma ntqal hawn fuq, il-BĊE jikkalkola r-rati ta' tkabbir ta' l-aggregati monetarji u tal-kontropartijiet mill-flussi aġġustati, li jippermettu tibdil ta' klassifikazzjoni u valutazzjoni, u mhux mill-livelli pendenti. Stimi għall-aggregati monetarji ewlenin huma disponibbli mill-1980, u stimi għas-self ta' l-MFI mill-1983.

#### **2.6 RATI TA' L-IMGĦAX TA' L-MFI**

57. Il-politika monetarja tal-BĊE tinfluwenza parzjalment l-imġieba ta' l-aġenti ekonomiċi fiż-żona ta' l-euro permezz ta' tibdil fir-rati ta' l-imġax ta' l-MFI. Tibdil tali fir-rati ta' l-imġax jaffettwa l-prezz tas-self u r-redditu fuq komponenti tal-flus li jagħtu mġax u b'hekk l-ammont ta' flus li n-nies jixtiequ jżommu kif ukoll il-kompożizzjoni ta' dan l-ammont. Minħabba l-importanza ta' l-MFI fl-intermedjazzjoni finanzjarja fiż-żona ta' l-euro, rati ta' mġax tal-banek għandhom impatt kbir mhux ħażin fuq id-dħul u l-ħruġ tas-setturi mhux finanzjarji. Marġnijiet bejn ir-rati ta' teħid u għoti ta' self, huma rilevanti wkoll għall-istabbiltà finanzjarja u għal kwistjonijiet bankarji strutturali.

58. Qabel il-BĊE kien jikkompila statistika dwar rati ta' mġax imħallsa u ċċarġjati mill-banek minn data li kienet bejn wieħed u ieħor paragonabbli iżda mhux armonizzata fuq għaxar kategoriji ta' depożitu u self ipprovduti mill-BĊN minn sorsi nazzjonali eżistenti.

59. Ir-Regolament BĊE/2001/18 issa jesiġi li l-istituzzjonijiet tal-reditu u xi MFI oħra (iżda mhux banek ċentrali jew MMFs) jirrapportaw kull xahar ir-rati ta' mġax imħallsa u ċċarġjati f'45 kategorija ta' strumenti – 31 li jkopru

negozju ġdid u 14 li jkopru ammonti pendenti. Għalkemm tista' turi livell ta' inerzja, data ta' kull xahar dwar ammonti pendenti hi meħtieġa għaliex ir-rati ta' l-imgħax fuq negozju ġdid ma jurux it-tibdil fl-imgħax fuq l-istokk pendenti ta' strumenti b'rati varjabbli. Id-data tirrigwarda negozju ma' individwi (S.14, inklużi istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ u li jservu lill-individwi, S.15 fl-ESA 95) denominat f'euro u ma korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11) residenti fiż-żona ta' l-euro. Fejn ikun rilevanti, ir-rati ta' l-imgħax għal negozju ma' kull wieħed miż-żewġ setturi jiġu rrapportati b'mod separat. Il-kategoriji ta' strumenti jirrigwardaw titli fil-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, u għalhekk huma definiti b'mod ċar.

60. Għal kull waħda minn dawn il-kategoriji ta' strumenti, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jirrapportaw ir-rata ta' l-imgħax miftehma ma' l-individwu jew ma' korporazzjoni mhux finanzjarja, ikkwotata bħala perċentwal annwali. Din għandha tinkludi l-ħlas kollu ta' mgħax fuq depożiti u self, iżda l-ebda piż ieħor. Biex jiġu ssorveljati piżijiet oħra (mhux ta' mgħax) fuq kreditu għall-konsum u self lil individwi għax-xiri tad-djar, tinġabar ukoll ir-rata perċentwali tal-piż annwali, kif definita fil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-kreditu għall-konsum. Piżijiet li mhumiex imgħax huma rilevanti kemm għall-kontabilità nazzjonali kif ukoll għall-kondizzjonijiet fis-suq bankarju.

61. Id-data fil-karti tal-bilanċ tintuża biex jiġu ppeżati r-rati ta' l-imgħax fuq ammonti pendenti. Rati ta' mgħax fuq negozju ġdid jiġu aggregati bl-ippeżar ta' tagħrif dwar il-volum ta' negozju ġdid ipprovdut għal dan il-għan. Għal depożiti "overnight", depożiti li jinfedew mingħajr avviż, u self kurrenti, "negozju ġdid" hu rrappreżentat minn stokk pendenti, li fuqu r-rati jistgħu jinbidlu fi kwalunkwe ħin. Rati ta' mgħax fuq ammonti pendenti jistgħu jkunu rati mħallsa jew iċċarġjati fl-aħħar tax-xahar, jew jistgħu jiġu kkalkolati billi jinqasam l-imgħax dovut fuq ix-xahar bl-ammont medju ta' depożiti jew self pendenti f'dak ix-xahar.

62. Il-BĊN jistgħu jagħżlu li jiġbru data dwar rati ta' mgħax mingħand kampjun ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif stabbilit fir-Regolament BĊE/2001/18. Ma jistgħux iħallu barra għal kollox, bħal ma jistgħu jagħmlu fil-każ ta' l-istatistika tal-karta tal-bilanċ ta' l-MFI, l-istituzzjonijiet ta' kreditu żgħar, għaliex istituzzjonijiet żgħar jistgħu jkunu importanti f'ċerti oqsma tan-negozju.

63. L-għan għall-ġbir ta' din id-data hu li jippermetti kemm jista' jkun li ssir l-analiżi ta' l-istatistika tal-karti tal-bilanċ ta' l-MFI, l-aggregati monetarji, u r-rati ta' mgħax ta' l-MFI bi tħejjija għall-ewwel laqgħa tax-xahar tal-Kunsill Governattiv. Biex tiġi evitata pressjoni żejda fuq aġenti li jirrapportaw u fuq il-BĊN, ir-Regolament jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jissottomettu data dwar ir-rati ta' l-imgħax lill-BĊN b'tali mod li l-BĊN ikunu jistgħu jagħtu d-data nazzjonali aggregata lill-BĊE sad-19-il jum tax-xogħol wara x-xahar li għalih tirreferi. Id-data dwar ir-rati ta' l-imgħax tiġi ppubblikata permezz ta' sqarrija għall-istampa xi sitt ġimgħat wara x-xahar li għalih tirreferi. Data ta' kull xahar prodotta skond ir-Regolament BĊE/2001/18 hi disponibbli mill-bidu ta' l-2003.

## 2.7 INDIKATURI FINANZJARJI MAKRO-PRUDENZJALI U STRUTTURALI

64. L-Artikolu 3.3 ta' l-Istatut jesiġi li s-SEBĊ tikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Kwistjoni relatata li dwarha l-BĊE għandu interess kbir hi dik ta' l-iżviluppi strutturali fl-industrija bankarja u, b'mod iżjed ġenerali, in-negozju finanzjarju. Statistika dwar il-flus u l-attività bankarja (statistika dwar il-karti tal-bilanċ ta' l-MFI u data dwar ir-rati ta' l-imgħax) jirrappreżentaw sors prinċipali ta' data għal dawn l-għanijiet. Fejn tkun disponibbli, data aggregata ta' sorveljanza pprovduta minn awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza (data konsolidata ta' qligħ u telf, data dwar is-solvenza, eċċ) tintuża wkoll, flimkien mar-riżultati ta' l-istħarriġ tal-BĊE dwar is-self tal-banek li jinkludi kwistjonijiet dwar ständards tal-kreditu. Billi l-istabbiltà finanzjarja hi



soġġetta għal firxa ta' influwenzi, l-istatistika tas-swieq tat-titoli, kontijiet finanzjarji – b'mod partikolari tagħrif dwar il-karti tal-bilanċ – data dwar il-b.o.p., u statistika ekonomika jistgħu jkunu utli b'mod iżjed ġenerali. Għal għanijiet makro-prudenzjali tinġabar ċerta data dwar il-karti tal-bilanċ ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu biss jekk ikun hemm differenza materjali fi Stat Membru bejn is-settur ta' l-MFI fl-intier tiegħu u s-sub-settur ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu. L-Annessi V u VI tal-Linja Gwida BĊE/2003/2, kif emendata bil-Linja Gwida BĊE/2005/4, jikkonċernaw id-data dwar il-karti tal-bilanċ ta' l-istituzzjonijiet tal-kreditu għal analiżi makro-prudenzjali, u d-data annwali meħtieġa (li b'kollox tinkludi 29 sensiela, mhux kollha relatati ma l-MFI) għall-analiżi ta' żviluppi strutturali.

65. Data dwar il-karti tal-bilanċ ta' l-MFI tikkontribwixxi ħalli l-BĊE jissorvelja r-rwol internazzjonali ta' l-euro (b'mod partikolari data dwar negozju ta' l-MFI denominat f'euro ma' entitajiet mhux residenti fiż-żona ta' l-euro). Statistika dwar ir-rwol internazzjonali ta' l-euro hi diskussa fit-taqsimha 8 hawn taħt.

### **3 STATISTIKA OĦRA DWAR INTERMEDJARJI FINANZJARJI**

66. Minbarra l-karta tal-bilanċ konsolidata ta' l-MFI u l-istatistika li toħroġ minnha, statistika varja oħra dwar intermedjazzjoni finanzjarja hi ta' rilevanza kbira għal għanijiet ta' politika monetarja.

#### **3.1 INTERMEDJARJI FINANZJARJI MHUX MONETARJI OĦRAJN MINBARRA KORPORAZZJONIJET TA' L-ASSIGURAZZJONI U FONDI TAL-PENSIJONI**

67. Is-sub-settur ta' intermedjarji finanzjarji "oħrajn" (mhux monetarji) (OFI) jikkonsisti f'istituzzjonijiet finanzjarji mhux monetarji li l-attività prinċipali tagħhom hi l-intermedjazzjoni finanzjarja iżda li ma jissodisfawx id-definizzjoni ta' MFI u mhumiex korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u lanqas

fondi tal-pensjoni. FI-ESA 95 dawn jinkludu s-sub-settur S.123.

68. Data dwar l-OFI hi meħtieġa, flimkien ma' statistika dwar l-MFI, biex tipprovdi stampa sħiħa ta' l-intermedjazzjoni finanzjarja fiż-żona ta' l-euro. Altrimenti jista' jintilef xi tagħrif minħabba t-trasferiment ta' assi u obligazzjonijiet mis-settur ta' l-MFI lis-settur OFI. Jeħtieġ ukoll li l-BĊE jissorvelja l-OFIs biex iżomm il-lista ta' l-MFI aġġornata billi, kif jinnotta r-Regolament BĊE/2001/13 fl-Anness I, Parti 1.1, l-innovazzjoni finanzjarja tista' taffettwa l-karatteristiċi ta' l-istrumenti finanzjarji u minħabba dan il-korporazzjonijiet finanzjarji jbiddu l-fokus tan-negozju tagħhom, u b'hekk jaslu biex joħroġu strumenti li huma sostituti qrib tad-depożiti.

69. Bħalissa l-BĊE jiġbor l-aggregati taż-żona ta' l-euro minn tagħrif trimestrali li l-BĊN jipprovdu minn sorsi nazzjonali eżistenti. Waqt li jiġi rikonossut li data tali mhux dejjem tkun taqbel mad-definizzjonijiet applikabbli, l-Anness XVIII tal-Linja Gwida BĊE/2003/2 (kif emendata bil-Linja Gwida BĊE/2005/4) jistabbilixxi tali definizzjonijiet u speċifikazzjonijiet għal karta tal-bilanċ b'analiżijiet limitati ta' strument, maturità, residenza u settur. Il-prijoritajiet skond il-Linja Gwida huma għal data relatata ma' fondi ta' investment (mhux MMF, li huma inklużi fis-settur MFI) minħabba li huma assolutament l-ikbar grupp ta' OFIs fiż-żona ta' l-euro f'termini tad-daqs tal-karta tal-bilanċ tagħhom; aġenti ta' titoli u derivati; u korporazzjonijiet finanzjarji li l-attività tagħhom hi s-self. Dwar dan l-aħħar grupp, self lill-individwi iżjed tard se jinqasam bejn self għax-xiri tad-djar u kreditu għall-konsum. Minħabba li din id-distinzjoni tinsab diġà fl-istatistika ta' l-MFI ta' kull xahar, tagħrif iżjed dettaljat dwar in-negozju ta' l-OFIs jippermetti li ssir stima iżjed komprensiva tas-self għax-xiri tal-proprjetà residenzjali fiż-żona ta' l-euro. Il-BĊE jippubblika diġà data dwar il-karti tal-bilanċ trimestrali aggregati għall-fondi ta' investment (mhux MMFs) fiż-żona ta' l-euro, b'analiżijiet ta' l-assi tagħhom skond it-tip ta' fond (jiġifieri ishma, bonds, fondi mħallta

u fondi ta' proprjetà immobbli) u skond jekk humiex fondi miftuħa għall-pubbliku jew fondi limitati għal ċerti investituri. Qed jiġi mħejji Regolament tal-BĊE dwar l-istatistika ta' l-OFIs.

### 3.2 KORPORAZZJONIJIET TA' L-ASSIGURAZZJONI U FONDI TAL-PENSIJONI

70. B'kuntrast ma' l-MFIs u l-OFIs li ddiskutejna s'issa, il-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni (S.125 fl-ESA 95) mhumiex elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 bħala parti mill-popolazzjoni ta' referenza li l-BĊE jista' jesiġi li tirrapporta d-data. Madankollu, minħabba l-importanza ta' dawn l-istituzzjonijiet għall-attività finanzjarja fiż-żona ta' l-euro, il-BĊN jipprovdu lill-BĊE data trimestrali, meħuda minn sorsi nazzjonali, dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji ewlenin ta' dawn l-istituzzjonijiet, kif rikjest mill-Linja Gwida BĊE/2002/7. Din il-Linja Gwida hi diskussa f'iżjed dettall fit-taqsima 11 dwar il-kontijiet tas-setturi istituzzjonali għaż-żona ta' l-euro.

### 4 STATISTIKA DWAR RATI TA' L-IMGĦAX (MINBARRA RATI TA' L-IMGĦAX TA' L-MFI)

71. Minbarra r-rati ta' mgħax imħallsa u ċċarġjati mill-MFI (ara t-taqsima 2.6), hi meħtieġa data dwar rati oħra ta' mgħax għal firxa ta' strumenti finanzjarji oħra biex jiġi ssorveljat kif ir-rati ta' l-imgħax tal-BĊE u bidliet f'dawn ir-rati jinfluwenzaw l-ekonomija. Ir-rati ta' l-imgħax, jew ir-redditi, fuq bonds tal-gvern fuq żmien twil għandhom importanza partikolari fl-Unjoni Ewropea billi huma kriterju ta' konverġenza użat biex jiġi smat l-istat tat-tħejjija ta' Stati Membri biex jaddottaw l-euro skond it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għalkemm l-istatistika dwar il-konverġenza għandha tiġi pprovduta mill-Kummissjoni (skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza), l-EMI u l-BĊE għenu lill-Kummissjoni biex tagħżel rati ta' mgħax paragonabbli u fuq żmien twil li għandhom jiġu

ssorveljati, u l-BĊE jiġbor u jikkompila din id-data.

72. Meta nħallu barra r-rati ta' l-imgħax ta' l-MFI li ġew diskussi hawn fuq, ir-rati ta' l-imgħax jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji: rati ta' mgħax stabbiliti mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE (ir-rati iċċarġjati jew imħallsa mill-Ewrosistema f'operazzjonijiet tas-suq), u rati tas-suq tal-flus u rati ta' mgħax fuq titoli negozjabbli oħra.

73. L-ewwel kategorija tinkludi r-rati mħallsa mill-Ewrosistema fuq il-faċilità ta' depożiti "overnight" lil kontropartijiet u r-rati ċċarġjati mill-Ewrosistema fuq l-operazzjonijiet ewlenin ta' rifinanzjament tagħha u fuq il-faċilità tas-self marġinali tagħha.

74. Ir-rati ta' l-imgħax fit-tieni kategorija jinkludu firxa wiesgħa ta' rati tas-suq tal-flus u redditi fuq titoli negozjabbli. Is-swieq tal-flus fiż-żona ta' l-euro huma integrati ħafna, il-biċċa l-kbira bi strumenti finanzjarji stàndard. Il-BĊE jiġbor tagħrif dwar ir-rati spiss ħafna, l-iżjed permezz ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet. Data dwar rati u redditi fuq titoli negozjabbli fuq żmien twil huma wkoll faċilment disponibbli mingħand sorsi tas-swieq. Il-BĊE qed jiżviluppa bażi ta' data imtejjeb biex jaħżen tagħrif tali u biex dan ikun jista' jintuża aħjar.

### 5 STATISTIKA DWAR TITOLI (INKLUŻI L-ISHMA)

75. Għal raġunijiet varji, it-tagħrif dwar ħruġ u investimenti ta' titoli hu element importanti ta' l-analiżi monetarja u finanzjarja. Għal min jissellef, ħarġiet ta' titoli huma alternattiv għall-iffinanzjar bankarju. Min ikollu assi finanzjarji jista' jara d-depożiti bankarji, l-istrumenti negozjabbli maħruġa mill-banek (inklużi fl-M3 jekk jinħarġu għal sentejn jew inqas) u titoli oħra bħala sostituti parzjali. Għalhekk l-istatistika dwar it-titoli tikkompleta d-data monetarja u finanzjarja. Maż-żmien, kwalunkwe ċaqliq fl-iffinanzjar bejn is-sistema bankarja u s-swieq tat-titoli jista' jaffettwa t-trasmissjoni tal-politika monetarja. Data dwar ammonti

pendenti ta' titoli maħruġa tindika d-densità tas-swieq kapitali, waqt li haġġiet f'euro minn entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro huma aspekk tar-rwol internazzjonali ta' l-euro. Hemm konsiderazzjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja wkoll.

76. Il-BĊE jippubblika statistika ta' kull xahar dwar titoli minbarra ishma (titoli ta' dejn) u dwar ishma kkwotati. L-istatistika dwar titoli ta' dejn tkopri titoli denominati f'euro, ikun min ikun haġġhom, u titoli maħruġa f'euro u f'muniti oħra minn residenti taż-żona ta' l-euro, u dawn jerġġu jinqasmu f'titoli fuq żmien twil bejn titoli b'rata fissa u dawk b'rata varjabbli. Għal titoli iżjed qodma, "euro" jinkludi strumenti denominati f'ECU jew fil-muniti nazzjonali ta' qabel ta' l-Istati Membri taż-żona ta' l-euro. Fiż-żewġ każi jiġu rrapportati ammonti pendenti fl-aħħar tax-xahar, u haġġiet gross, fidi u haġġiet nett tul ix-xahar, b'analiżi tal-maturità oriġinali ta' sena (jew b'mod eċċezzjonali ta' sentejn). Titoli ta' dejn maħruġa minn residenti taż-żona ta' l-euro jerġġu jinqasmu skond is-settur ta' min joħroġhom (jiġifieri, IFMs, OFIs u korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, korporazzjonijiet mhux finanzjarji, il-gvern ċentrali, u amministrazzjonijiet ġenerali oħra). L-istatistika dwar l-ishma kkwotati maħruġa minn residenti taż-żona ta' l-euro telenka wkoll ammonti u haġġiet gross u fidi b'mod separat, u (sa fejn hu rilevanti) bl-istess analiżi skond is-settur bħal fil-każ tat-titoli tad-dejn.

77. Stokks ta', u transazzjonijiet f'ishma kkwotati huma rrapportati bil-valuri tas-sueq waqt li (b'nuqqas ta' qbil ma' l-ESA 95) ammonti relatati ma' titoli tad-dejn huma rrapportati bil-valuri nominali. Bonds maħruġa bi prezz ħaġġa iżjed baxx minn dak li bih jistgħu jinfedew u bonds bla imġax, huma vvalutati bl-ammont effettivament imħallas meta nħarġu, u bil-valur nominali meta jimmatuaw. Fl-intervall jiġu vvalutati skond formula li taħseb għall-imġax li jkun qed jinġema'. Partiti ta' munita barranija huma vvalutati bir-rati tal-kambju kurrenti. Bidliet f'ammonti pendenti jirriflettu haġġiet netti, bidliet fil-valutazzjoni u

wkoll ri-klassifikazzjonijiet u tibdil ieħor li mhux ikkawżat minn transazzjonijiet. Bħal fil-każ ta' l-istatistika monetarja, il-BĊE jikkalkola r-rati ta' tkabbir għas-swieq tat-titoli minn data dwar it-transazzjonijiet, u jħalli barra l-effetti tal-valutazzjoni u tar-rikklassifikazzjoni. Meta, bħal ma jiġri kultant, operazzjoni waħda f'titoli (forsi marbuta ma' akkwiżizzjoni jew għaqda bejn negozji) issir fi stadji matul perijodu ta' iżjed minn xahar, il-prassi hi li l-operazzjoni kollha tiġi rreġistrata fix-xahar meta tiġi mitmuma.

78. Għalkemm entitajiet li joħroġu t-titoli huma inklużi fil-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta għall-istatistika tal-BĊE skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98, il-BĊE ma jesiġix li jirrapportaw tagħrif skond strument legali tal-BĊE. Minflok, il-BĊN jipprovdu lill-BĊE data dwar titoli ta' dejn u ishma kkwotati maħruġa minn residenti skond l-Anness XIX tal-Linja Gwida BĊE/2003/2, kif emendata, fi żmien ħames ġimgħat mit-tmien tax-xahar li għalih tirreferi d-data. L-aggregati taż-żona ta' l-euro jiġu ppubblikati permezz ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet xi seba' ġimgħat wara x-xahar li għalih jirreferu. Il-BIS jipprovdi tagħrif dwar titoli ta' dejn denominati f'euro maħruġa minn entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro. Xi tagħrif dwar investimenti ta' titoli maqsum skond is-settur istituzzjonali se jsir disponibbli skond il-Linja Gwida BĊE/2005/13.

79. Billi l-istatistika dwar l-investment tal-portafoll u l-ħruġ tat-titoli tiġbed ħaġġa attenzjoni u hi ċentrali għal xi oqsma oħra ta' l-istatistika (per eżempju, l-kontijiet taż-żona ta' l-euro), il-BĊE u l-BĊN dan l-aħħar żviluppaw bażi ta' data komprensiva u ċentralizzata dwar it-titoli (CSDB). Is-CSDB tiġbor data minn sorsi istituzzjonali varji u minn entitajiet kummerċjali varji li jipprovdu d-data. Din se jkollha rwol ċentrali fil-produzzjoni ta' statistika dwar ħruġ ta' titoli u investimenti tal-portafoll u fil-ġbir ta' statistika oħra, inklużi (wara iżjed żvilupp) statistika dwar investimenti f'titoli. Il-baży tad-data għandha wkoll varjetà ta' użi analitiċi u

operazzjonali. Proċeduri maħsuba biex iħarsu l-kwalità tad-data huma stabbiliti f'manwal imħejji mill-BĊE flimkien mal-BĊN, u dawn dalwaqt se jkunu riflessi f'Linja Gwida ġdida tal-BĊE. Il-BĊE qed ikompli jiżviluppa statistika dwar sistemi ta' ħlas tat-titoli, li dwarhom għal xi snin ġie ppubblikat tagħrif fil-biċċa l-kbira operazzjonali f'edizzjonijiet suċċessivi tal-pubblikazzjoni tal-BĊE msejħa "Sistemi ta' pagament u ħlas ta' titoli fl-Unjoni Ewropea" – ara l-paragrafu 117 hawn taħt.

## **6 STATISTIKA DWAR BILANĊ TAL-PAGAMENTI U POŻIZZJONI TA' INVESTIMENT INTERNAZZJONALI**

### **6.1 INTRODUZZJONI**

80. Biex isostni t-tmexxija tal-politika monetarja u l-operazzjonijiet tal-kambju, il-BĊE jiġbor data ta' kull xahar, trimestrali u annwali biex jikkompila il-b.o.p. u l-i.i.p. taż-żona ta' l-euro fl-intier tagħha. Il-BĊE ma jużax data dwar transazzjonijiet trans-konfini fi ħdan iż-żona ta' l-euro, bl-eċċezzjoni importanti ta' l-investiment tal-portafoll u d-dħul fuq l-investiment tal-portafoll. L-istatistika trimestrali tal-b.o.p. u dik ta' l-i.i.p. ta' tmiem is-sena tinkludi analiżi ġeografika tal-kontropartijiet barra l-pajjiż. Il-BĊE jikkompila wkoll statistika dettaljata dwar ir-riżervi internazzjonali u l-likwidità ta' munita barranija ta' l-Ewrosistema skond mudell standard ta' l-IMF u l-BIS flimkien, u jikkompila rati ta' kambju nominali effettivi (EERs) ta' kuljum u EERs reali trimestrali għall-euro.

81. Għalkemm entitajiet residenti fiż-żona ta' l-euro li għandhom pożizzjonijiet trans-konfini jew li qed jagħmlu transazzjonijiet trans-konfini huma inklużi fil-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta għall-istatistika tal-BĊE skond l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98, il-BĊE ma addottax regolament f'dan ir-rigward. B'differenza mill-istatistika monetarja u bankarja fejn l-aġenti li jirrapportaw huma għadd relattivament żgħir ta' istituzzjonijiet finanzjarji, il-popolazzjoni li tirrapporta għall-istatistika tal-b.o.p. u l-i.i.p.

tinkludi potenzjalment kwalunkwe aġent ekonomiku residenti fiż-żona ta' l-euro li għandu transazzjonijiet jew pożizzjonijiet trans-konfini. Barra dan, waqt li s-sistemi tar-rappurtar ta' l-MFI huma x'aktarx standard fiż-żona ta' l-euro kollha, dan mhux hekk bħalissa għas-sistemi tal-ġbir tal-b.o.p., u dan iġib komplikazzjonijiet għall-verifika u għall-applikazzjoni ta' sanzjonijiet. Il-fatt li l-istatistika tal-b.o.p. hi soġġetta għal varjetà ta' reġimi legali fuq livell nazzjonali, u li l-Eurostat ukoll jiġbor statistika dwar il-b.o.p. fuq livell Ewropew, ikompli jikkompila l-ħruġ ta' strument legali tal-BĊE indirizzat direttament lill-aġenti li jirrapportaw. Minflok, il-BĊE addotta linji gwida indirizzati lill-BĊN fiż-żona ta' l-euro, li jistabbilixxu t-tagħrif statistiku li għandhom jittrasmettu lill-BĊE u ċerti modalitajiet u standards li għandhom isegwu, iżda ħalla fid-diskrezzjoni tagħhom kif jiġbru tagħrif mingħand l-aġenti li jirrapportaw. Il-BĊE/2004/15 hi l-Linja Gwida fis-seħħ bħalissa. Minħabba li f'xi Stati Membri l-ġbir tad-data dwar il-b.o.p. u l-i.i.p. mhuwiex responsabbiltà tal-BĊN, il-BĊE ħareġ rakkomandazzjonijiet lill-aġenziji kkonċernati li huma identiċi fis-sustanza mal-Linji Gwida; il-BĊE/2004/16 hi r-Rakkomandazzjoni kurrenti. Rakkomandazzjoni ma torbotx legalment lill-istituzzjonijiet li lilhom hi indirizzata.

82. L-iskop u l-kunċetti bażi ta' l-istatistika dwar il-b.o.p. u l-i.i.p. huma stabbiliti fil-Linja Gwida BĊE/2004/15. Ir-rekwiżiti tal-BĊE huma kemm jista' jkun konformi ma' l-istandards stabbiliti fil-Manwal ta' l-IMF dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti (il-ħames edizzjoni), li hu konsistenti ma' l-SNA 93 u l-ESA 95. Madankollu, il-BĊE addotta xi proposti speċifiċi ta' armonizzazzjoni għall-aggregati tal-b.o.p. u ta' l-i.i.p. ta' l-Unjoni Ewropea u taż-żona ta' l-euro (per eżempju, l-applikazzjoni konsistenti tad-definizzjoni ta' MFI). Il-b.o.p. u l-i.i.p. taż-żona ta' l-euro jikkorrispondu fil-prinċipju ma' transazzjonijiet u pożizzjonijiet ta' residenti taż-żona ta' l-euro ma' entitajiet mhux residenti fiż-żona ta' l-euro (jiġifieri, is-settur tal-"bqija tad-dinja") fil-kontijiet taż-żona ta' l-euro. Tabilħaqq, il-preżentazzjoni

tal-b.o.p. u ta' l-i.i.p., fejn l-enfasi hi fuq kategoriji funzjonali (investimenti diretti, tal-portafoll, eċċ) iżjed milli fuq is-settur tal-kontroparti residenti, ma taqbilx ħafna mal-kontijiet tas-settur istituzzjonali, u hemm kwistjonijiet oħra relatati mal-valutazzjoni u l-kopertura. Il-BĊE kellu jindirizza dawn il-kwistjonijiet waqt li kien qed iħejji biex jinkorpora l-kontijiet tal-b.o.p. u ta' l-i.i.p. taż-żona ta' l-euro.

## **6.2 BILANĊ TAL-PAGAMENTI TA' KULL XAHAR**

### **6.2.1 ANALIZIJET SKOND STRUMENT U SETTUR**

83. L-għan tal-b.o.p. ta' kull xahar hu li jippermetti lill-utenti jissorveljaw il-flussi esterni li jaffettwaw il-kondizzjonijiet monetarji fiż-żona ta' l-euro u r-rata tal-kambju. Għal dan il-għan, it-tagħrif meħtieġ mill-BĊE għal statistika ta' kull xahar dwar il-b.o.p. hu limitat għal kategoriji wesgħin ta' transazzjonijiet fil-kontijiet kurrenti u kapitali, bl-eċċezzjoni ta' flussi ta' dħul mill-investment li għalihom tenħtieġ analiżi skond l-investment dirett, tal-portafoll u "ieħor". Jenħtieġ iżjed dettall fil-kont finanzjarju, fejn jistgħu jseħħu flussi kbar u varjabbli li jaffettwaw il-kondizzjonijiet monetarji fiż-żona ta' l-euro. Investment dirett li jidhul u joħroġ jinqasam f'ishma u qligħ investit mill-ġdid u kapital ieħor (l-iżjed self bejn il-kumpanniji), u jerġa' jinqasam bejn l-MFI (minbarra banek ċentrali) u setturi oħra taż-żona ta' l-euro. Investment tal-portafoll, li jinkludi qsim bejn l-awtoritajiet monetarji, MFI oħrajn u entitajiet li mhumiex MFI, ikopri ishma u titoli ta' dejn (li jerġgħu jinqasmu) b'mod separat. Derivati finanzjarji (hawnhekk huma rilevanti biss il-kuntratti bejn residenti taż-żona ta' l-euro u entitajiet mhux residenti fiż-żona ta' l-euro) jiġu kkompilati fuq bażi netta biss, bħala l-aggregat tal-pożizzjonijiet trans-konfini kollha (b'attenzjoni għas-sinjali) u li residenti taż-żona ta' l-euro huma parti fihom. B'kuntrast, jenħtieġ tagħrif dettaljat ħafna dwar investment "ieħor" – l-iżjed transazzjonijiet finanzjarji esterni ta' l-MFI (minbarra negozju fil-kategoriji (ta' investment) dirett u tal-portafoll) u tal-gvern. Din il-kategorija tinqasam skond is-settur tal-kontroparti f'awtoritajiet

monetarji, MFI oħrajn (b'analiżi tal-maturità), amministrazzjoni ġenerali, u setturi (taż-żona ta' l-euro) oħra, u għall-aħħar tnejn, b'analiżi limitata ta' l-istrument, li tidentifika l-munita u d-depożiti miżmuma f'banek barra l-pajjiż. Il-b.o.p. ta' kull xahar jinkludi wkoll data dwar l-assi tar-riżerva.

### **6.2.2 L-ORJENTAMENT ADDOTTAT GĦALL-OBBLIGAZZJONIJET TA' L-INVESTIMENT TAL-PORTAFOLL**

84. L-irreġstrar ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-investment tal-portafoll (bidliet fl-investimenti ta' titoli barra ż-żona ta' l-euro minn residenti taż-żona ta' l-euro) jippreżenta diffikultajiet prattiċi serji billi spiss mhux possibbli li jiġu identifikati d-detenturi ta' strumenti negozjabbli. Għalhekk, l-obbligazzjonijiet tal-portafoll fil-kont finanzjarju tal-b.o.p. jiġu kkompilati b'mod indirett, essenzjalment billi jiġu kkalkolati l-bidliet fl-investimenti barra ż-żona ta' l-euro ta' titoli maħruġa minn residenti taż-żona ta' l-euro (li hu investment nett dieħel) bħala d-differenza bejn l-ammont totali ta' tali titoli pendenti (jew bidliet fihom aġġustati fil-valur) u l-investimenti rreġistrati fihom (jew bidliet fihom aġġustati fil-valur) minn residenti taż-żona ta' l-euro, kemm jekk huma residenti fl-istess pajjiż bħall-entità li toħroġ it-titoli, kemm jekk huma residenti fi Stat Membru ieħor taż-żona ta' l-euro. Analiżi ta' tali investimenti fi ħdan iż-żona ta' l-euro skond is-settur ta' min joħroġhom se tkun disponibbli minn nofs l-2006, u din se tippermetti l-kalkolu ta' analiżi skond is-settur ta' l-obbligazzjonijiet taż-żona ta' l-euro. Flussi ta' dħul relatat fil-kont kurrenti u l-istokk pendenti ta' obbligazzjonijiet ta' l-investment tal-portafoll fl-i.i.p. jiġu kkompilati b'mod simili. Il-bażi ta' data ċentralizzata dwar it-titoli msemmija fil-paragrafu 79 mistennija ttejjeb l-istatistika dwar l-investment tal-portafoll b'mod sostanzjali. It-tagħrif komprensiv dwar titoli individwali fil-bażi tad-data se jippermetti orjentament ġdid fil-kompilazzjoni tal-kont ta' l-investment tal-portafoll fil-b.o.p. (u fl-i.i.p. diskuss hawn taħt). L-Ewrosistema bi ħsieba taddotta rappurtar ta' titoli wieħed wieħed (iktar milli rappurtar aggregat) ta' transazzjonijiet u



pożizzjonijiet f'titoli mill-2008, u dan se jippermetti l-ksib ta' klassifikazzjoni u valutazzjoni iżjed preċiżi fil-kont ta' l-investimenti tal-portafoll. Mill-istess data, il-BĊN ta' l-Ewrosistema bi ħsiebhom iwaqqfu l-prattika tal-kompilazzjoni ta' l-istokks mit-transazzjonijiet akkumulati, u minflok se jikkompilaw data sħiħa dwar l-istokks kull trimestru.

### 6.2.3 PREŻENTAZZJONI MONETARJA TAL-B.O.P.

85. Biex jittejjeb l-użu tagħha fl-analiżi monetarja, l-istatistika tal-b.o.p. ta' kull xahar tiġi relatata mal-kontroparti esterna tal-flus wesgħin, l-M3, fiż-żona ta' l-euro. Billi l-kontijiet tal-b.o.p. fl-intier tagħhom u l-karta tal-bilanċ konsolidata ta' l-MFI għandhom it-tnejn jibbilanċjaw, it-transazzjonijiet esterni tas-settur ta' l-MFI (inkluża l-Ewrosistema) għandhom jirriflettu t-transazzjonijiet esterni ta' setturi oħra fiż-żona ta' l-euro (inklużi żbalji u nuqqasijiet fil-b.o.p.); dawn imbagħad għandhom ikunu daqs il-kontroparti esterna fl-istatistika monetarja. Fil-prattika, jenħteġ xi ri-arranġament ta' l-istatistika tal-b.o.p. biex jinġabru flimkien it-transazzjonijiet esterni kollha ta' l-MFI, u għadha ma ntlahqietx ekwivalenza sħiħa bejn id-data ġejja minn sorsi differenti. Il-kontribut tat-transazzjonijiet esterni ta' entitajiet taż-żona ta' l-euro li mhumiex MFI (fil-kontijiet kurrenti, kapitali u finanzjarji) għat-tibdil totali fil-pożizzjoni esterna netta tas-settur ta' l-MFI jista' mbagħad jiġi analizzat. Għall-preżentazzjoni monetarja, il-BĊE jeħteġ analiżi tal-kontijiet ta' l-investment dirett u ta' l-investment tal-portafoll biex iwarrab għalihom it-transazzjonijiet ta' l-MFI.

### 6.2.4 SKEDA TA' ŻMINIJET U DISPONIBILTÀ

86. Statistika dwar il-b.o.p. ta' kull xahar għandha tiġi trasmessa lill-BĊE sat-30 jum tax-xogħol wara t-tmien tax-xahar li għalih tirreferi d-data, u tiġi ppubblikata permezz ta' aġenziji ta' l-aħbarijiet minn seba' sa tmien ġimgħat wara x-xahar li għalih tirreferi. Data ta' kull xahar hi disponibbli minn Jannar 1997.

87. Iż-żmien sa meta għandha tiġi pprovduta l-istatistika ta' kull xahar dwar il-b.o.p., in-natura aggregata tagħha u l-utilità tagħha għall-politika monetarja jippermettu li ma jiġux segwiti linji gwida internazzjonali fejn ma jistax isir mod ieħor. Mhux bilfors għandha tiġi rreġistrata data abbażi tat-transazzjonijiet (inkluż l-imgħax li jkun qed isir dovut) fl-istatistika ta' kull xahar; minflok, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu data abbażi ta' ħlasijiet. Fejn ikun meħtieġ li d-data tasal sa ċertu żmien, stimi jew data preliminari jiġu aċċettati. Tista' tkun meħtieġa stima ta' xi titli tad-data, per eżempju, qligħ minn investment dirett investit mill-ġdid. Id-data ta' kull xahar tiġi riveduta kull trimestru bl-ghajjnuna ta' tagħrif trimestrali iżjed komplut li jikkonforma b'mod sħiħ ma' standards statistiċi internazzjonali. Għalhekk jista' jkun li d-data l-iżjed reċenti ta' kull xahar ma tkunx konsistenti għal kollox ma' data ta' qabel.

## 6.3 BILANĊ TAL-PAGAMENTI TRIMESTRALI

### 6.3.1 IŻJED DETTALL U DOVUT TA' L-IMGĦAX

88. L-istatistika trimestrali dwar il-b.o.p. tipprovdi tagħrif iżjed dettaljat mill-istatistika ta' kull xahar, u tippermetti analiżi iżjed profonda tat-transazzjonijiet esterni. Il-kont kurrenti fih iżjed dettall dwar dħul mill-investment, u iżjed tagħrif skond l-istrument u s-settur hu pprovdut fil-kont finanzjarju.

89. Skond l-SNA 93, il-Manwal tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti (il-ħames edizzjoni) jirrakkomanda li l-imgħax għandu jiġi rreġistrat abbażi tad-dovuti. Din ir-rakkomandazzjoni tapplika għall-kont kurrenti (dħul mill-investment), b'effett korrispondenti fil-kont finanzjarju. Il-Linja Gwida BĊE/2004/15 tesiġi li d-dħul mill-investment isir dovut abbażi trimestrali biss.

### 6.3.2 ANALIŻI ĠEOGRAFIKA

90. Barra milli tipprovdi iżjed dettall dwar l-istrumenti u żżomm ma' standards statistiċi internazzjonali, id-data trimestrali dwar il-

b.o.p. ikun fiha analiżi ġeografika tan-negozju estern tar-residenti taż-żona ta' l-euro skond il-pajjiż, il-qasam, u l-kategorija tal-kontroparti. L-analiżi tinkludi d-Danimarka, l-Isvezja u r-Renju Unit individwalment; l-Istati Membri l-oħra ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro bħala grupp; l-istituzzjonijiet ta' l-UE u korpi oħra; u, barra l-Unjoni Ewropea, l-Istati Uniti, il-Ġappun, l-Isvizzera u l-Kanada individwalment; ċentri offshore; organizzazzjonijiet internazzjonali; u l-pajjiżi l-oħra kollha bħala grupp. Minbarra l-BĊE, li għal għanijiet statistiċi hu ttrattat bħala MFI residenti fiż-żona ta' l-euro, l-istituzzjonijiet ta' l-UE (bħal ma hi l-Kummissjoni) u korpi oħra (bħal ma hu l-Bank Ewropew għall-Investment) huma ttrattati bħala residenti barra ż-żona ta' l-euro, bla ma jitqies il-lok fiżiku tagħhom. L-analizzjiet meħtieġa, flimkien ma' listi ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE, ċentri offshore u organizzazzjonijiet internazzjonali, huma stabbiliti fl-Anness II tal-Linja Gwida BĊE/2004/15. Id-dettal dwar l-istrument u s-settur li għalih tapplika l-analiżi ġeografika hu inqas komplut milli hu fl-istatistika sħiħa trimestrali dwar il-b.o.p., u iżjed jixbah lil dak ta' l-istatistika ta' kull xahar dwar il-b.o.p.; madankollu, m'hemm l-ebda analiżi ġeografika ta' l-obbligazzjonijiet tal-portafoll (minħabba li l-mod kif tinġabar din id-data ma jippermettix analiżi ġeografika), u lanqas ma hemm analiżi tad-derivati finanzjarji u ta' l-assi tar-riżerva.

### 6.3.3 SKEDA TA' ŻMINIJET U DISPONIBILTÀ

91. L-istatistika trimestrali dettaljata dwar il-b.o.p. u l-analizzjiet ġeografiċi għandhom ikunu disponibbli għall-BĊE fi żmien tliet xhur mit-tmiem tat-trimestru li għalih jirreferu. L-aggregati taż-żona ta' l-euro jiġu ppubblikati permezz ta' stqarrija għall-istampa erba' xhur wara t-trimestru li għalih jirreferu. Data sħiħa trimestrali hi disponibbli mill-bidu tal-1997. Stimmi trimestrali tal-kont kurrenti ta' dik li issa hi ż-żona ta' l-euro huma disponibbli mill-1980. Analiżi trimestrali ġeografika hi disponibbli mill-bidu ta' l-2003.

## 6.4 POŻIZZJONI TA' INVESTIMENT INTERNAZZJONALI

92. Il-BĊE jikkompila l-i.i.p. għaż-żona ta' l-euro fl-intier tagħha fit-tmiem tat-trimestri (innovazzjoni ta' dan l-aħħar) u jippubblikaha flimkien mal-b.o.p. trimestrali dettaljat erba' xhur wara l-jum li għalih tirreferi, u b'iżjed dettall fit-tmiem ta' kull sena. Dawn ir-rendikontijiet ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet taż-żona ta' l-euro jirrivellaw l-istruttura tal-pożizzjoni finanzjarja esterna taż-żona ta' l-euro u jikkompletaw id-data dwar l-analiżi tal-politika monetarja u tas-suq tal-kambju. Data perjodika dwar l-istokk tipprovdni wkoll kontroll tal-kredibilità tal-flussi tal-b.o.p.. Id-data trimestrali ġiet parzjalment żviluppata bil-ħsieb li tiġi inkorporata fil-kontijiet tas-settur istituzzjonali taż-żona ta' l-euro.

### 6.4.1 ANALIZZJET SKOND L-ISTRUMENT U L-ASPETT ĠEOGRAFIKU

93. L-analiżi meħtieġa kull trimestru tixbah ħafna lil dik li hemm fil-kont finanzjarju tal-b.o.p. trimestrali, għalkemm fil-kategorija tad-derivati finanzjarji l-pożizzjonijiet ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet jintwerew separati. Id-data annwali dwar l-i.i.p. hi simili wkoll iżda fiha iżjed dettall dwar l-investment dirett fejn ishma f'kumpanniji elenkati jidhru bil-valur kemm tal-karta tal-bilanċ kif ukoll tas-suq (il-bażi rakkomandata għall-valutazzjoni fl-i.i.p.). Għal raġunijiet prattiċi, l-investment dirett f'kumpanniji li mhumiex elenkati jintwera skond il-valur tal-karta tal-bilanċ biss, għalkemm, billi fil-prinċipju jiġbor data mill-kontijiet ta' l-affiljati barranin, għandu jirrifletti qligħ li jkun ġie investit mill-ġdid. L-i.i.p. annwali jkollha magħha analiżi ġeografika ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet esterni taż-żona ta' l-euro, li tkopri strumenti u setturi b'ħafna inqas dettall mill-i.i.p. annwali (u tabilħaqq trimestrali wkoll) iżda tippreżenta essenzjalment l-istess analiżi ta' kontropartijiet bħal dik li jkun hemm mal-b.o.p. trimestrali. Bħal fil-każ tal-b.o.p., m'hemm l-ebda analiżi ġeografika fl-i.i.p. tad-derivati finanzjarji u ta' l-assi tar-riżerva. L-analiżi ta' l-obbligazzjonijiet ta' l-investment tal-portafoll ma tistax tiġi

kkalkolata mit-tagħrif disponibbli minn sorsi tal-BĊE; minflok, il-BĊE juża data dwar il-kontropartijiet mill-Istħarriġ ta' l-Investment tal-Portafoll Ikkoordinat u l-istħarriġ relatat ta' l-IMF, li r-riżultati tagħhom ikunu disponibbli iżjed tard minn dawk meħuda mill-i.i.p. annwali tal-BĊE.

94. L-i.i.p. taż-żona ta' l-euro hi bbażata fuq il-komponenti stàndard ta' l-i.i.p. definiti fil-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti ta' l-IMF (il-ħames edizzjoni). Kunċetti u definizzjonijiet huma konsistenti mal-b.o.p. Orjentament imtejjeb għall-kompilazzjoni tal-kont ta' l-investment tal-portafoll li se jibda jintuża dalwaqt, u li jinkludi data sħiħa trimestrali dwar l-istokks, hu deskritt fil-paragrafu 84 hawn fuq.

#### 6.4.2 SKEDA TA' ŻMINIJET U DISPONIBBILTÀ

95. Id-data trimestrali dwar l-i.i.p. tkun disponibbli għall-BĊE fi żmien tliet xhur wara t-trimestru li għalih tirreferi (jiġifieri, l-istess skeda ta' żmien bħal dik għall-b.o.p. trimestrali). Id-data annwali ta' l-i.i.p., flimkien ma' l-analiżi ġeografika, ssir disponibbli disa' xhur wara t-tmiem tas-sena li għaliha tirreferi. L-i.i.p. ta' l-aħħar tas-sena għaż-żona ta' l-euro hi disponibbli mill-1997, għalkemm id-data għall-1997 u għall-1998 hi fuq bażi netta biss (jiġifieri turi assi netti jew obbligazzjonijiet netti f'kull kategorija, u mhux assi u obbligazzjonijiet pendenti separati) għaliex fil-bidu ma kienx possibbli għall-Istati Membri jiddistingwu, fi ħdan l-assi u l-obbligazzjonijiet esterni, bejn pożizzjonijiet trans-konfini fi ħdan iż-żona ta' l-euro u pożizzjonijiet fir-rigward tal-bqija tad-dinja. L-analiżi ġeografika ta' l-aħħar tas-sena hi disponibbli mill-2002.

## 7 RIŻERVI INTERNAZZJONALI TA' L-EWROSISTEMA

### 7.1 ASSI TA' RIŻERVA FIL-B.O.P. U FL-I.I.P.

96. L-assi ta' riżerva taż-żona ta' l-euro huma definiti bħala krediti likwidi, negozjabbli u sodi ħafna li l-BĊE u l-BĊN ta' l-Ewrosistema

għandhom kontra entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro u denominati f'muniti oħra minbarra l-euro. Minbarra l-krediti f'munita barranija, dawn jinkludu deheb, drittijiet speċjali ta' kreditu (SDRs) u pożizzjonijiet ta' riżerva fl-IMF. L-assi ta' riżerva jiġu kkompilati mingħajr innettjar ta' l-obbligazzjonijiet relatati mar-riżervi, minbarra l-komponent tad-derivati finanzjarji żgħar li jiġi kkompilat fuq bażi netta.

97. Bidliet fl-assi ta' riżerva kkawżati minn transazzjonijiet (jiġifieri, esklużi l-effetti tal-valutazzjoni u kwalunkwe bidla li jaffettwaw l-ammont tagħhom, minbarra transazzjonijiet) huma rreġistrati bħala ċifra waħda fil-kont finanzjarju tal-b.o.p. taż-żona ta' l-euro. Ammonti pendenti huma disponibbli kull tmien ta' trimestru fl-i.i.p. u juru l-komponenti ewlenin (deheb, SDRs u investimenti ta' kambju ta' munita barranija bid-dettalji ta' l-istrumenti, eċċ.).

### 7.2 LIKWIDITÀ TAR-RIŻERVI INTERNAZZJONALI U TAL-MUNITA BARRANJA (IL-MUDELL STÀNDARD TA' L-IMF U TAL-BIS)

98. Il-BĊE jikkompila wkoll rendikont ta' kull xahar ħafna iżjed dettaljat dwar ir-riżervi ta' l-Ewrosistema u titli relatati skond il-mudell stàndard għall-likwidità tar-riżervi internazzjonali u tal-munita barranija. L-assi ta' riżerva kif definiti għall-istatistika tal-b.o.p. u l-i.i.p. huma biss parti mit-tagħrif meħtieġ skond il-mudell stàndard. Assi oħra f'munita barranija huma inklużi wkoll, u dawn jistgħu jkunu krediti kontra entitajiet residenti taż-żona ta' l-euro (per eżempju, depożiti f'munita barranija f'banek taż-żona ta' l-euro) jew krediti kontra entitajiet mhux residenti taż-żona ta' l-euro li ma jissodisfawx il-kriterju ta' "likwidità għolja" meħtieġ biex jiġu inklużi fl-assi ta' riżerva (partiti tali jiġu rreġistrati taħt investment tal-portafoll jew investment "ieħor" fil-b.o.p. u fl-i.i.p.). Likwidità f'munita barranija tieħu kont ukoll ta' tnaqqis nett predeterminat u kontinġenti fuq żmien qasir fuq assi f'munita barranija, li jinkludu ħlas ta' kapital u mgħax fuq is-self, pożizzjonijiet futuri

f'munita barranija, flussi marbuta ma' transazzjonijiet irriversjati, linji ta' kreditu estiż, garanziji mogħtija, u ħafna partiti oħra mhux irreġistrati fil-b.o.p. u fl-i.i.p. Id-data, li hi stabbilita fl-Anness II, Tabella 3, tal-Linja Gwida BĊE/2004/15, tiġi pprovduta lill-BĊE biex tiddaħħal fil-mudell standard fi żmien tliet ġimgħat mix-xahar li għalih tirreferi.

## 8 STATISTIKA DWAR IR-RWOL INTERNAZZJONALI TA' L-EURO

99. Il-BĊE jippubblika rapport annwali dwar ir-rwol internazzjonali ta' l-euro. Statistika dwar il-karti tal-bilanċ tal-MFI (partiti ta' negozju ma' entitajiet mhux residenti jagħmlu distinzjoni bejn ammonti ta' euro u dawk ta' munita barranija) u statistika dwar ħarġiet ta' titoli (li tidentifika ħarġiet denominati f'euro minn entitajiet mhux residenti fiż-żona ta' l-euro), tikkontribwixxi għall-istima tar-rwol internazzjonali ta' l-euro. Il-Linja Gwida BĊE/23004/15 taħseb għal analiżi ta' kull sitt xhur dwar il-munita (bejn l-euro, id-dollaru u muniti oħra) tat-transazzjonijiet esterni taż-żona ta' l-euro f'titoli ta' dejn, u l-istess analiżi tal-pożizzjonijiet esterni ta' residenti taż-żona ta' l-euro f'titoli ta' dejn, fl-aħħar ta' Ġunju u fl-aħħar ta' Diċembru, speċifikament biex jiġi stmat ir-rwol internazzjonali ta' l-euro bħala munita ta' investment. Għall-istess għan, is-SEBĊ tiġbor tagħrif dwar karatteristiċi oħra ta' ħarġiet tal-bonds. Bħalissa, ħafna banek ċentrali ta' l-Ewrosistema u tas-SEBĊ jiġbru wkoll tagħrif dwar il-prassi varja ta' l-iffatturar fil-kummerċ estern tal-prodotti u s-servizzi, l-iżjed permezz ta' sistemi ta' ġbir abbażi ta' ħlasijiet tal-banek. L-Oesterreichische Nationalbank jikkontribwixxi tagħrif dwar iċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus ta' l-euro (u ċ-ċirkolazzjoni li qed tkompli għaddejja, ta' karti tal-flus denominati fil-muniti nazzjonali ta' qabel tal-pajjiżi taż-żona ta' l-euro).

## 9 RATI EFFETTIVI TAL-KAMBJU TA' L-EURO

100. L-EER nominali ta' l-euro hi kejl sommarju tal-valur estern tiegħu fir-rigward tal-muniti tas-šhab kummerċjali l-iżjed importanti taż-żona ta' l-euro. L-EER reali – li tinkiseb permezz tad-deflazzjoni tar-rata nominali bl-indiċijiet xierqa tal-prezz jew spiża – hi l-indikatur l-iżjed użat tal-kompetittività internazzjonali tal-prezz u l-ispiża.

101. Il-BĊE jikkalkola l-EERs nominali kuljum; dawn huma definiti bħala medji ppeżati ġeometriċi ta' rati tal-kambju bilaterali ta' l-euro kontra l-muniti tas-šhab kummerċjali. L-EERs reali huma medji ppeżati ġeometriċi ta' prezzijiet jew spejjeż fiż-żona ta' l-euro fir-rigward tas-šhab kummerċjali tiegħu, espressi f'munita komuni. Billi d-data dwar il-prezz u l-ispiża mhumiex disponibbli iżjed spiss, l-EERs reali jiġu kkalkolati kull xahar jew trimestru.

102. Il-piżijiet assenjati lis-šhab kummerċjali jittieħdu mill-ishma tagħhom fil-kummerċ taż-żona ta' l-euro fi prodotti mmanifatturati, minbarra l-kummerċ fi ħdan iż-żona ta' l-euro, tul perijodi ta' tliet snin (jiġifieri 1995-1997 u, wara iżjed ħidma fl-2004, 1999-2001). Il-piżijiet jużaw tagħrif kemm dwar l-esportazzjoni kif ukoll dwar l-importazzjoni. Il-piżijiet ta' l-importazzjoni huma sempliċement ishma ta' kull pajjiż sieħeb fl-importazzjoni totali taż-żona ta' l-euro mill-pajjiżi šhab kollha. Il-piżijiet għall-esportazzjoni jiġu determinati b'tali mod li juru kemm l-importanza tas-swieq individwali għall-esportazzjoni taż-żona ta' l-euro kif ukoll il-kompetizzjoni li jiltaqgħu magħha l-esportaturi taż-żona ta' l-euro fis-swieq barranin kemm minn produtturi domestiċi kif ukoll minn esportaturi minn pajjiżi terzi.

103. L-EERs huma kkalkolati fir-rigward ta' żewġ gruppi ta' šhab fil-kummerċ: l-EER-23, li tinkludi t-13-il Stat Membru ta' l-UE barra ż-żona ta' l-euro u għaxar šhab ewlenin fil-kummerċ barra l-Unjoni Ewropea. U l-EER-42,

li tinkludi l-EER-23 u 19-il pajjiż ieħor. Għall-EER-23, l-EER nominali tiġi kkomputata kuljum u indiċijiet reali huma disponibbli kull xahar (bl-użu tal-prezzijiet għall-konsumatur u tal-produtturi) u kull trimestru (bl-użu ta' fatturi deflazjonarji tal-PGD u spejjeż għal kull unità tax-xogħol). Għall-iżjed grupp wiesa', l-EER nominali u l-EER reali bbażati fuq prezzijiet għall-konsumatur jiġu kkomputati kull xahar.

## 10 STATISTIKA DWAR IL-FINANZI TAL-GVERN

104. L-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern hi statistika li tkopri t-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tas-settur ta' l-amministrazzjoni pubblika (S.13 fl-ESA 95), u tinkludi l-gvern ċentrali, il-gvern statali, il-gvern lokali, u l-fondi tas-sub-setturi tas-sigurtà soċjali. Il-BĊE għandu interess fl-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern għal żewġ raġunijiet. Għall-għanijiet tar-rapporti dwar il-konverġenza dwar l-istat tat-tħejjija ta' Stati Membri biex jaddottaw l-euro, u fil-kuntest tal-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-ènfasi qiegħda fuq id-data annwali dwar l-iżbilanċ/bilanċ ta' l-amministrazzjoni pubblika u d-dejn konsolidat tal-gvern ġenerali fl-Istati Membri individwali ta' l-UE. Skond il-Linja Gwida BĊE/2005/5, li tifformalizza l-ħtieġa li ilha teżisti għal data ta' din ix-xorta mill-Istati Membri, il-banek ċentrali jipprovdu lill-BĊE l-kontijiet annwali tal-gvern, inklużi d-dħul, l-infiq, il-bilanċ/żbilanċ, il-ħtieġa ta' self, riċevuti ta' privatizzazzjonijiet u dejn pendenti. Din id-data tippermetti lill-BĊE li jinkorpora t-transazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri bħallikieku l-istituzzjonijiet, fir-rigward ta' transazzjonijiet ma' l-Istati Membri kkonċernati, jikkostitwixxu sub-settur ieħor ta' l-amministrazzjoni pubblika; l-għan ta' dan hu li jipprovdi stampa iżjed sħiħa tat-transazzjonijiet tal-gvern fl-ekonomija iktar milli data dwar is-setturi ta' l-amministrazzjoni pubblika ġenerali biss. Il-BĊE jirċievi wkoll data annwali dwar l-aġġustament tad-defiċit-dejn – tqabbil dettaljat bejn il-bidla fid-dejn tal-gvern bejn it-tmiem taż-żewġ snin u d-defiċit

jew żbilanċ tal-gvern fis-sena ta' bejniethom. Il-Linja Gwida BĊE/2005/5 (sussegwentement emendata bil-Linja Gwida BĊE/2006/2) tirrikjedi li din id-data kollha tiġi rrapportata f'forma li tkun konsistenti mad-data pprovduta mill-Istati Membri ta' l-UE lill-Kummissjoni Ewropea skond l-ESA 95 u l-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv. Il-kontijiet tal-gvern ipprovduti skond il-Proċedura tad-Defiċit Eċċessiv ma jaqblux ma' l-ESA 95 f'xi aspetti limitati iżda importanti, notevolment fil-kopertura u l-istima tad-dejn tal-gvern.

105. Billi l-attività tal-gvern hi fattur importanti fl-iżviluppi ekonomiċi u fis-swieq finanzjarji, il-BĊE jeħtieġ ukoll data trimestrali dwar it-transazzjonijiet finanzjarji u mhux finanzjarji tal-gvern u dwar id-dejn pendenti tal-gvern. Regolamenti Komunitarji varji addottati fl-2000 jew wara jirrikjedu li jiġi rrapportat tagħrif trimestrali dwar id-dħul u l-infiq ta' l-amministrazzjoni pubblika, it-transazzjonijiet finanzjarji u l-karti tal-bilanċ fl-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, dalwaqt tkun disponibbli statistika trimestrali komprensiva dwar is-settur ta' l-amministrazzjoni pubblika fl-Unjoni Ewropea. Ir-Regolament Nru. 501/2004 jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu data finanzjarja trimestrali, fi żmien tliet xhur wara t-tmiem tat-trimestru, għall-amministrazzjoni pubblika, awtoritajiet lokali u fondi tas-sigurtà soċjali separatament, flimkien ma' analiżi ta' strumenti u, fil-każ ta' l-amministrazzjoni pubblika u tal-fondi tas-sigurtà soċjali, b'tagħrif dwar il-kontropartijiet. Għalkemm tagħrif sħiħ għadu kemm qed isir disponibbli issa, ir-Regolament diġà tejjeb il-kwalità tal-parti dwar is-settur tal-gvern tal-MUFAs (Kontijiet Finanzjarji ta' l-Unjoni Monetarja) u jgħin lill-istatistika dwar is-setturi l-oħra mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro permezz ta' l-użu ta' tagħrif dwar il-kontropartijiet. Din id-data se tiffirma parti mill-kontijiet tas-settur istituzzjonali taż-żona ta' l-euro meta dawn ikunu disponibbli fl-2007 (ara hawn taħt).



## 11 KONTIJET TAŻ-ŻONA TA' L-EURO GĦAS- SETTURI ISTITUZZJONALI

### 11.1 INTRODUZZJONI

106. Fl-iskop tad-definizzjonijiet u l-qafas konċettwali ta' l-ESA 95, il-kontijiet tas-settur istituzzjonali jipprovdu data komprensiva dwar it-transazzjonijiet mhux finanzjarji u finanzjarji ta' kull settur istituzzjonali. Dawn jagħtu stampa sħiħa ta' l-attività ekonomika, mill-produzzjoni sal-ħolqien u l-użu ta' dħul għall-konsum jew għat-tifdil, u mbaġħad transazzjonijiet f'assi kapitali, u fl-aħħarnett it-teħid u l-ġħoti ta' self nett u l-akkwist korrispondenti ta' assi finanzjarji jew it-tiġrib ta' obbligazzjonijiet, bid-dettall dwar l-istrumenti, u f'xi każijiet, dwar il-kontropartijiet. Il-kontijiet tas-settur istituzzjonali jipprovdu wkoll karti tal-bilanċ li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet, u kontijiet li jirrikonċiljaw it-transazzjonijiet ma' bidliet fil-karti tal-bilanċ. Ir-riżultati, speċjalment għas-setturi tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji u ta' l-individwi, huma imprezzabbli għall-analiżi u l-previżjonijiet ekonomiċi. L-eżerċizzju li jiġbor flimkien fi struttura koerenti t-tagħrif kważi kollu, kemm ekonomiku kemm finanzjarju, ikkompilat fil-qafas ta' l-ESA 95, iħeġġeġ il-preċiżjoni u l-konsistenza u b'hekk l-utilità tad-data. L-ESA 95 taħseb għall-kontijiet tas-settur istituzzjonali, iżda bi frekwenza annwali biss, u dan inaqqas ħafna l-valur tagħhom għall-analiżi u l-proġettazzjonijiet dwar iċ-ċiklu tan-negozju. Għalhekk, il-BĊE u l-Kummissjoni Ewropea, sostnuti minn leġiżlazzjoni Komunitarja reċenti, qed jiżviluppaw flimkien kontijiet trimestrali dwar is-settur istituzzjonali, u qed jimmiraw li jilhqqu riżultati li jistgħu jiġu ppubblikati sa r-rebbieġha tal-2007.

107. Fi ħdan il-ġabra sħiħa tal-kontijiet, il-kontijiet finanzjarji jirreġistraw it-transazzjonijiet ta' teħid u ġħoti ta' self tas-setturi ekonomiċi, u l-karti tal-bilanċ jirreġistraw it-teħid u l-ġħoti tas-self pendenti tagħhom, b'rikonċiljazzjoni bejn it-transazzjonijiet kumulattivi u l-bidliet fil-karta tal-bilanċ. Il-

BĊE ilu jipubblica l-kontijiet finanzjarji u l-karti tal-bilanċ parzjali għaż-żona ta' l-euro kull trimestru mill-2001. Fil-format kurrenti tagħha, id-data trimestrali turi l-attivitàjiet ewlenin ta' investiment finanzjarju u finanza tas-setturi mhux finanzjarji (jiġifieri korporazzjonijiet mhux finanzjarji, individwi u l-amministrazzjoni pubblika) u ta' korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u ta' fondi tal-pensjoni; dan itejjeb l-analiżi tal-politika monetarja u analiżijiet oħra li jsostnuha u l-previżjonijiet dwar l-individwi u l-korporazzjonijiet mhux finanzjarji b'mod partikolari. Il-MUFAs jistgħu jintużaw ukoll biex jiġu analizzati kwistjonijiet ta' stabbiltà finanzjarja, li għalihom hu rilevanti t-tagħrif dwar it-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-karti tal-bilanċ tas-setturi ekonomiċi. Fl-aħħarnett, dawn jipprovdu qafas li fi ħdanu d-data bi frekwenza oġħla, notevolment dik monetarja, tal-b.o.p., u l-istatistika dwar ħruġ ta' titoli, u l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern, jistgħu jiġu smati u kkontrollati għall-konsistenza. L-utilità tagħhom tittejjeb bil-kbir meta jkunu jistgħu jiġu integrati ma' kontijiet mhux finanzjarji konsistenti għas-setturi istituzzjonali kif imfisser fit-taqsima 11.4.

### 11.2 SORSI GĦALL-KONTIJET FINANZJARJI TRIMESTRALI TA' L-UNJONI MONETARJA

108. L-ESA 95 tirrikjedi li l-Istati Membri ta' l-UE jħejju kontijiet finanzjarji bħala rendikontijiet dettaljati ta' transazzjonijiet finanzjarji u ta' assi finanzjarji u obbligazzjonijiet pendenti bil-valur tas-suq, flimkien ma' rikonċiljazzjoni tat-tnejn f'kont ta' rivalutazzjoni u f'dak li jissejjaħ il-kont dwar il-bidliet l-oħra fil-volum ta' l-assi. L-ESA 95 telenka ħames setturi ekonomiċi ewlenin (korporazzjonijiet mhux finanzjarji, S11; korporazzjonijiet finanzjarji, S.12; l-amministrazzjoni pubblika, S.13; l-individwi, S.14; u l-istituzzjonijiet li ma jagħmlux qligħ u li jservu lill-individwi, S.15). S.12 u S.13 jerġgħu jinqas f'sub-setturi.

109. L-Istati Membri huma obbligati bl-ESA 95 li jikkompilaw kontijiet finanzjarji bi frekwenza annwali biss. Madankollu, il-Linja Gwida

(BĊE/2002/7) tesiġi li l-BĊN fiż-żona ta' l-euro jibagħtu lill-BĊE data trimestrali dwar il-kontijiet finanzjarji nazzjonali li tkopri s-setturi mhux finanzjarji kif ukoll il-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni. Issa kważi kulħadd jista' jikkonforma ma' dan. Il-BĊN għandhom jipprovdu data mill-aħħar xhur tal-1997. It-tagħrif jasal ħafna iżjed bilmod mill-istatistika tal-BĊE għaż-żona ta' l-euro li, għalkemm puntwali u addattata għall-ħtiġijiet tal-MUFA, tipprovdi parti biss mit-tagħrif meħtieġ.

110. Meta jqiegħed flimkien id-data mill-istatistika tal-karti tal-bilanċ MFI tal-BĊE u dik mill-kontijiet finanzjarji nazzjonali, il-BĊE jkun jista' jikkompila data trimestrali dwar it-transazzjonijiet finanzjarji u l-karti tal-bilanċ għas-setturi mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro li, għalkemm utli, għad iridu jitjiebu iżjed f'dak li jirrigwarda l-kopertura u l-puntwalità.

111. It-taqsuma hawn taħt tagħti ġabra qasira tat-tagħrif kif hu ppreżentat bħalissa. Linja Gwida ġdida (BĊE/2005/13, li temenda l-BĊE/2002/7) ittejjeb il-puntwalità minn 130 għal 110 jum mit-tmiem tat-trimestru, b'seħħ minn April 2006, u meta jasal iż-żmien se tippermetti l-pubblikazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro fi żmien 120 jum mit-tmiem tat-trimestru. Din tirrikjedi l-kompilazzjoni ta' kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali (b'kopertura sħiħa tal-kategoriji ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji u kopertura sħiħa tas-setturi istituzzjonali u l-bqija tad-dinja) kemm għall-karti tal-bilanċ finanzjarji kemm għad-data dwar it-transazzjonijiet. Xi tagħrif dwar is-setturi tal-kontropartijiet, li bħalissa hu assenti mill-biċċa l-kbira tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali, se jkun disponibbli fi stadji sa April tal-2008. Fost titjib ieħor, il-Linja Gwida li temenda (dik ta' qabilha) tieġu kont ta' leġiżlazzjoni Komunitarja reċenti dwar il-kontijiet finanzjarji tal-gvern, u tispeċifika r-rekwiżiti fil-każ tat-tkabbir taż-żona ta' l-euro.

## **11.3 ASSI U OBBLIGAZZJONIJET FINANZJARJI EWLENIN TAS-SETTURI MHUX FINANZJARJI U TAL-KORPORAZZJONIJET TA' L-ASSIGURAZZJONI U TAL-FONDI TAL-PENSIJONI**

### **11.3.1 INVESTIMENTI SETTORJALI TA' ASSI FINANZJARJI**

112. L-investment finanzjarju fuq żmien qasir ikopri l-iżjed l-investimenti fi flus wesgħin (M3) tas-setturi mhux finanzjarji taż-żona ta' l-euro, u, barra dan, xi krediti fuq żmien qasir kontra setturi oħra taż-żona ta' l-euro. Depożiti kklassifikati bħala investment finanzjarju fuq żmien twil huma dawk b'maturità miftehma ta' iżjed minn sentejn u dawk li jistgħu jinfedew b'avviż ta' iżjed minn tliet xhur. Riżervi tekniċi ta' l-assigurazzjoni jirrappreżentaw krediti kontra korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni. Flimkien ma' titoli ta' dejn fuq żmien itwal (is-soltu ta' iżjed minn sena), ishma u unitajiet f'fondi ta' investment ikkwotati (minbarra l-MMFs), huma komponent importanti ta' l-investimenti finanzjarji ta' l-individwi fuq żmien twil.

113. L-istatistika tal-karti tal-bilanċ tal-MFI tipprovdi data li tintuża biex jiġu stmati l-investimenti ta' munita u depożiti u ishma/unitajiet MMF mis-setturi mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro. Depożiti ta' entitajiet li mhumiex banek (is-setturi mhux finanzjarji ma jistgħux jiġu identifikati separatament għal dan il-għan) ma' banek barra ż-żona ta' l-euro jiġu stmati parzjalment minn sorsi tal-b.o.p. Hu iżjed diffiċli li wieħed jagħraf investimenti f'titoli ta' dejn u ishma (kemm l-investimenti diretti kif ukoll investimenti indiretti permezz ta' fondi ta' l-investment) minħabba l-problema biex jiġu identifikati d-detenturi ta' titoli negozjabbli. Fil-format attwali tagħhom, il-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali jippermettu li ssir stima ta' l-investimenti totali tas-setturi mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro, iżda ma hemmx analiżi oħra ta' dawn l-investimenti fost is-setturi mhux finanzjarji. Bħal ma ġie osservat fil-paragrafu 78, xi tagħrif dwar investimenti tali se jsir disponibbli skond il-Linja Gwida BĊE/2005/13.

### 11.3.2 OBBLIGAZZJONIJIET SETTORJALI

114. L-ikbar komponenti ta' finanza konċessi lis-setturi mhux finanzjarji huma titoli, self u ishma kkwotati. L-obbligazzjonijiet ewlenin tas-setturi mhux finanzjarji fiż-żona ta' l-euro jistgħu jingħarfu faċilment mill-istatistika taż-żona ta' l-euro u mid-data tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali. B'differenza mill-assi, l-obbligazzjonijiet huma maqsuma għal kollox skond is-settur, u self u titoli ta' dejn huma maqsuma skond il-maturità oriġinali.

115. Tagħrif bħal dak li jeżisti għas-setturi mhux finanzjarji hu disponibbli għall-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi awtonomi tal-pensjoni fiż-żona ta' l-euro. L-obbligazzjonijiet ewlenin ta' dawn l-intermedjarji finanzjarji (jiġifieri l-ishma netti ta' l-individwi fir-riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, u ħlasijiet minn qabel ta' primjums ta' l-assigurazzjoni u riżervi għal krediti pendenti) huma l-biċċa l-kbira rreġistrati bħala assi finanzjarji tas-setturi mhux finanzjarji. L-ammonti huma differenti għaliex il-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u l-fondi tal-pensjoni fiż-żona ta' l-euro għandhom obbligazzjonijiet ta' dan it-tip lejn kontropartijiet barra ż-żona ta' l-euro u għandhom ukoll ishma netti f'fondi tal-pensjoni mhux awtonomi.

### 11.4 KONTIJET MHUX FINANZJARJI TAS-SETTURI ISTITUZZJONALI

116. Il-kont finanzjarju jiġi l-aħħar f'sensiela ta' kontijiet li jirreġistraw it-transazzjonijiet bejn is-setturi istituzzjonali. Is-somma tat-transazzjonijiet irreġistrati fil-kont finanzjarju għandha tkun daqs il-partita li tibbilanċja mtella' mill-kont kapitali, jiġifieri teħid u għoti ta' self nett, li hu r-riżultat tat-transazzjonijiet mhux finanzjarji kollha tas-settur rispettiv. Kif ġie nnotat hawn fuq, l-ESA 95 tirrikjedi li jiġi pprovdut dan it-tagħrif, iżda bi frekwenza annwali biss. Il-BĊE u l-Kummissjoni qed jiżviluppaw flimkien kontijiet trimestrali mhux finanzjarji maqsuma skond is-settur istituzzjonali li se jiġu kkollegati mal-kontijiet finanzjarji; l-ewwel riżultati mistennija li jiġu

ppubblikati fir-rebbiegħa tal-2007. Ir-reqwiżit li jgħid li għandha tiġi pprovduta data trimestrali dwar il-kontijiet mhux finanzjarji tas-setturi istituzzjonali hu sostnut minn leġislazzjoni Komunitarja reċenti (Regolament (KE) Nru. 1161/2005, addottat f'Lulju tal-2005). L-ewwel data skond ir-Regolament ġiet ipprovduta f'Jannar 2006, flimkien ma' data trimestrali mill-bidu tal-1999. Wara perijodu transizzjonali li fih xi tagħrif ma jenhtiegħx li jiġi rrapportat biex jitnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri, ir-Regolament jesiġi li tiġi pprovduta sensiela sħiħa ta' kontijiet, mill-kont dwar il-produzzjoni sal-kont dwar il-kapital, flimkien mal-partiti li jibbilanċjaw relatati jew statistika fil-qosor (valur gross u nett miżjud, bilanċ pożittiv ta' l-operat, dħul disponibbli, tiffidil, eċċ.). Wara perijodu ta' transizzjoni, id-data għandha tiġi pprovduta fi żmien 90 jum wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi. Għal data dwar is-setturi ta' l-individwi u l-korporazzjonijiet, ir-Regolament jipprovdi deroga għall-Istati Membri li għandhom PGD ta' inqas minn 1% tat-total ta' l-UE: il-Lussemburgu u l-Istati Membri l-ġodda minbarra l-Polonja se jgawdu minn din id-deroga. Fil-bidu r-Regolament ma jesiġix tagħrif dwar il-kontropartijiet, iżda dan jiġi kkunsidrat bħala żvilupp iżjed 'il quddiem.

### 12 STATISTIKA DWAR SISTEMI TA' PAGAMENTI U ĦLAS TA' TITOLI

117. L-Ewrosistema għandha d-dmir statutorju li tħeġġeġ it-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' pagament u, għal dan il-għan, tipprovdi faċilitajiet ta' pagamenti u ħlas ta' titoli. L-Ewrosistema għandha wkoll rwol ta' sorveljanza ġenerali fir-rigward ta' sistemi ta' pagament, li huma vitali għat-tħaddim bla xkiel tal-politika monetarja. B'mod partikolari, l-BĊE għandu interess kbir fl-użu ta' mezzi diversi ta' pagament (flus, kontijiet bankarji, kards ta' kreditu, portafolli elettroniċi, eċċ.) u fl-operazzjoni tat-trasferimenti ta' fondi bejn il-banek. Il-BĊE għandu interess fis-sistemi tal-ħlas ta' titoli minħabba li dawn jintużaw

mill-Ewrosistema biex jitħallsu operazzjonijiet ta' kreditu. Għandu wkoll interess fis-sorveljanza ta' l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji fiż-żona ta' l-euro. Fit-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet operazzjonali, u tal-funzjoni ta' sorveljanza għas-sistemi tal-pagament, l-Ewrosistema tiġbor ammont kbir ta' data, li l-biċċa l-kbira tagħha tiġi ppubblikata f'rapport annwali dwar is-sistemi ta' pagamenti u ħlas ta' titoli fl-Unjoni Ewropea (il-Ktieb il-Blu). B'kooperazzjoni mill-qrib mal-BĊN, il-BĊE dan l-aħħar beda proġett biex id-data tkun iżjed konsistenti fl-Unjoni Ewropea kollha u biex jiġborha kollha f'bażi ta' data waħda.

### 13 ASPETTI STATISTIĊI TAT-TKABBIR TAŻ-ŻONA TA' L-EURO

118. Bħalissa 13-il Stat Membru ta' l-UE qiegħdin barra ż-żona ta' l-euro. Kwalunkwe wieħed minnhom jew kollha, u kwalunkwe Stat Membru futur, jista', f'xi stadju, jidħol fiż-żona. Meta dawn jidħlu, hu importanti li tinżamm il-kwalità ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro, u għalhekk għandhom ikunu mħejjija sew għas-sħubija f'dak li jirrigwarda l-istatistika. Kif uriet is-sħubija tal-Greċja fl-2001, jeħtieġ li dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jipprovdu data ta' l-imġhoddi għaż-żona ta' l-euro kif imkabbra biex ikunu jistgħu jiġu kkalkolati r-rati ta' tkabbir fil-mument tat-tkabbir, u biex jipprovdu sensiliet ta' żmien konsistenti għall-mudelli ekonomiċi, għall-previżjonijiet u għall-analiżi ta' politika li tħares 'il quddiem. Naturalment, mhux qed jiġi propost li r-riżultat jirrappreżenta b'mod sħiħ x'kienet tkun il-pożizzjoni kieku ż-żona ta' l-euro kienet tabilħaqq ikbar fil-ħin taħt konsiderazzjoni. Barra dan, xi statistika ta' referenza li tkopri ż-żona ta' l-euro kif kienet fil-ħin li għalih tirreferi d-data dejjem se tkun meħtieġa, minkejja l-intervalli fiha li ġejjin minn tkabbir suċċessiv.

119. Fejn id-data għaż-żona ta' l-euro hi sempliċement is-somma tad-data nazzjonali, kull ma jenħtieġ biex jiġi ttrattat it-tkabbir hi

data nazzjonali li tkun paragonabbli għal kollox għall-pajjiżi parteċipanti l-ġodda. Fejn l-aggregati taż-żona ta' l-euro mhumiex sempliċement somma tad-data nazzjonali (bħal ma hu l-każ għall-istatistika monetarja, tal-b.o.p. u ta' l-i.i.p., u wkoll tal-kontijiet finanzjarji), bidliet fil-kompożizzjoni taż-żona ta' l-euro jeħtieġu data b'lura li jkun fiha biżżejjed dettall ġeografiku u settorjali biex ikunu jistgħu jsiru l-konsolidazzjonijiet meħtieġa; u kemm l-Istati Membri eżistenti taż-żona ta' l-euro u kemm is-sieħba l-ġodda għandhom jipprovduha. Barra dan, minħabba li l-istatistika tal-karti tal-bilanċ tal-MFI tinkludi tagħrif dwar il-muniti, u l-verifika ma' l-istrumenti, il-maturitajiet u s-setturi, li jeħtieġu li l-Istati Membri jipprovdu data li tippermetti li l-aggregati taż-żona ta' l-euro jiġu maħduma għal dati jew perijodi ta' qabel għal kwalunkwe kompożizzjoni possibbli taż-żona ta' l-euro, dan jista' jfisser piż kbir ta' rappurtaġġ fl-oqsma monetarji u tal-b.o.p. Fil-fatt, data b'lura ġiet ifformata abbażi ta' l-aħjar stima għall-bidu ta' l-unjoni monetarja, u meta l-Greċja ssieħbet maż-żona ta' l-euro, ingħata supplement tad-data stabbilita fl-iskemi tar-rappurtaġġ b'taġħrif minn sorsi oħra (per eżempju, statistika bankarja internazzjonali tal-BIS). Wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, u minħabba l-probabbiltà ta' iżjed tkabbir taż-żona ta' l-euro, il-BĊE u l-BĊN dan l-aħħar ftehm u dwar il-prinċipji ewlenin u l-miżuri ta' implimentazzjoni għat-trasmissjoni armonizzata ta' data ta' qabel, u aċċettaw il-fatt li se tibqa' l-ħtieġa li jsiru xi stimi.

### 14 SKAMBU TA' TAGħRIF STATISTIKU

120. L-iskambju ta' tagħrif statistiku fi ħdan is-SEBĊ u ma' istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali jeħtieġ sistema ta' skambju ta' data mgħaġġla, robusta u żgura. Is-SEBĊ għandha dawn il-faċilitajiet biex tittrasferixxi fajls tad-data fiż-żewġ direzzjonijiet bejn il-BĊE u l-BĊN, bl-użu ta' netwerk dedikat ta' telekomunikazzjoni u format ta' messaġġi magħruf bħala GESMES/TS (SDMX-EDI) li hu

użat ħafna fil-komunità ta' l-istatistika internazzjonali għal skambju ta' data u metadata, inklużi strutturi statistiċi, definizzjonijiet u listi ta' kodiċi. Dan jippermetti wkoll li bażijiet tad-data statistika jiġu integrati faċilment fin-netwerks u s-sistemi li bihom jaslu u jintbagħtu fajls tad-data. Settijiet ġodda ta' data jistgħu jiġu inkorporati faċilment. L-istess format jintuża mill-BĊE fl-iskambji ta' tagħrif statistiku ma' l-Eurostat u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (l-iżjed il-BIS u l-IMF). Teknoloġiji moderni, ibbażati fuq l-istandards SDMX-ML, huma użati wkoll fit-tixrid tat-tagħrif statistiku fuq l-internet. Il-BĊE jaħdem mill-qrib mal-BIS, l-Eurostat, u l-IMF, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u Żvilupp Ekonomiku, il-Ġnus Magħquda u l-Bank Dinji fuq l-inizjattiva SDMX, bil-għan li jiġu żviluppati proċessi iżjed effiċjenti għall-iskambju u l-użu flimkien ta' data u metadata statistika.

## 15 POLITIKA DWAR PUBBLIKAZZJONI U REVIZJONIJET

121. Mingħajr ma tikkex tagħrif konfidenzjali dwar aġenti individwali li jirrapportaw jew entitajiet oħra, il-politika tal-BĊE hi li tiġi ppubblikata statistika sħiħa u puntwali, bid-deskrizzjonijiet tan-natura, sorsi, kopertura u bażi konċettwali tagħha. Il-websajt tal-BĊE fiha l-istatistika kollha u l-materjal deskrittiv kollu taż-żona ta' l-euro flimkien ma' firxa ta' statistika nazzjonali rilevanti u links għall-websajts tal-banek ċentrali fejn tinsab din id-data u data oħra nazzjonali iżjed dettaljata. It-taqsimha statistika tal-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE u l-Ktejjeb ta' l-Istatistika fihom ukoll tabelli estensivi u (fil-każ tal-Bullettin ta' Kull Xahar) artikoli u kaxxi li jfissru l-istatistika tal-BĊE. Ħafna mid-data tiġi l-ewwel ippubblikata permezz ta' stqarrijiet għall-istampa f'ħinijiet avżati minn qabel. (ara l-Anness 1).

122. Il-biċċa l-kbira tas-sensiliet statistiċi huma soġġetti għal reviżjoni. Żbalji fid-data mhux maħduma jista' jkollhom jiġu kkoreġuti, data bi frekwenza għolja spiss tiġi riveduta minħabba

tagħrif iżjed reċenti u dettaljat (per eżempju, iċ-ċiklu regolari ta' reviżjonijiet tal-b.o.p. ta' kull xahar taż-żona ta' l-euro meta tasal data trimestrali iżjed sħiħa) u titjib metodoloġiku minn żmien għal żmien jitlob reviżjonijiet tad-data ta' qabel. Il-politika tal-BĊE hi li dan javża dwar ċikli ta' reviżjoni bil-quddiem; li jipprovidi dokumentazzjoni sħiħa dwar ir-reviżjonijiet, u jżomm il-qis u t-tifsila tagħhom taħt konsiderazzjoni; u, sa fejn jista' jkun, jirrevedi data ta' qabel meta dan jista' jsir bi spiża raġonevoli.

123. F'għadd dejjem jikber ta' oqsma statistiċi l-BĊE (bħall-Kummissjoni Ewropea) ifformalizza l-proċess tas-sorveljanza tal-kwalità ta' l-istatistika billi rrikjeda rapporti ta' kultant li jagħtu reċensjoni ta' l-aspetti varji tal-kwalità b'mod sistematiku. Rapporti bħal dawn ġew ippubblikati fl-oqsma ta' l-istatistika tal-b.o.p. u l-i.i.p. (bħalissa skond l-Artikolu 6 tal-Linja Gwida BĊE/2004/15), u huma wkoll meħtieġa skond il-Linja Gwida dwar il-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2002/7, kif emendata bil-BĊE/2005/13) u fl-istatistika finanzjarja tal-gvern (BĊE/2005/5). Il-Linja Gwida dwar l-istatistika tal-flus u ta' l-attività bankarja (BĊE/2003/2, kif emendata bil-BĊE/2005/4), li tkopri wkoll ħruġ ta' titoli u OFIs, tirrikjedi li l-banek ċentrali jissorveljaw il-kwalità tad-data li jibagħtu lill-BĊE. Ir-regolament tal-Parlament u l-Kunsill Ewropew dwar il-kompilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali jimponi obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' l-istandards tal-kwalità u se jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-kwalità tad-data lill-Parlament u lill-Kunsill Ewropew fi żmien ħames snin wara li jidħol fis-seħħ ir-Regolament.

124. Meta jippubblika statistika u meta jirrevedi d-data wara l-pubblikazzjoni, il-BĊE jikkoordina l-azzjoni tiegħu mal-BĊN u, fejn jenħtieġ, ma' l-Eurostat. L-għan hu li jippreżenta l-iżjed tagħrif aġġornat, waqt li sa fejn jista' jkun, iżomm il-konsistenza fl-oqsma kollha ta' l-istatistika u matul iż-żmien.



**16 STRUMENTI LEGALI TAL-BĊE DWAR  
L-ISTATISTIKA**

125. L-Artikolu 5 ta' l-Istatut u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 jipprovdu l-qafas legali għall-attivitajiet statistiċi tal-BĊE. Strumenti legali oħra kif stabbilit fl-Artikoli 34 u 14.3 ta' l-Istatut jimponu rekwiżiti speċifiċi ta' data dwar popolazzjoni li tirrapporta meħuda mill-popolazzjoni ta' referenza li tirrapporta identifikata fl-Artikolu 2 tar-Regolament Nru. 2533/98, jew jagħtu struzzjonijiet lill-BĊN (jew aġenziji statistiċi oħra) dwar id-data li għandhom jittrasmettu lill-BĊE, f'liema forma, meta u kif. Ir-Regolamenti tal-BĊE jindirizzaw lill-aġenziji li jirrappurtaw, u huma direttament applikabbli fl-Istati Membri. Il-Linji Gwida tal-BĊE jorbtu legalment lill-membri ta' l-Ewrosistema, inkluż il-BĊE nnifsu. Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-BĊE ma jorbtux legalment, iżda jistgħu jintużaw biex iġiegħlu l-aġenziji statistiċi fl-Istati Membri parteċipanti, li jipprovdu data għalkemm mhumiex banek ċentrali, u li jsiru konxji tar-rekwiżiti statistiċi. L-għan tan-notifiki hu li jipprovdu tagħrif. L-istrumenti legali tal-BĊE li huma bħalissa fis-seħħ huma elenkati fil-paġna li jmiss.

## STATISTIKA MONETARJA, TA' L-ISTITUZZJONIJIET FINANZJARJI U TAS-SWIEQ

Ir-Regolament (22 ta' Novembru 2001) dwar il-karti tal-bilanċ konsolidati tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2001/13), ([ĠU L333, 17.12.01](#))<sup>1</sup>.

Ir-Regolament (21 ta' Novembru 2002) li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 (BĊE/2002/8), ([ĠU L330, 06.12.02](#)).

Ir-Regolament (18 ta' Settembru 2003) li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 (BĊE/2003/10), ([ĠU L250, 02.10.03](#)).

Ir-Regolament (20 ta' Diċembru 2001) li jirrigwarda l-istatistika dwar ir-rati ta' l-imgħax applikati mill-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji għad-depożiti u s-self fir-rigward ta' individwi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji (BĊE/2001/18), ([ĠU L010, 12.01.02](#))<sup>1</sup>.

Ir-Regolament (16 ta' Diċembru 2004) li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 u l- BĊE/2001/18 (BĊE/2004/21), ([ĠU L371, 18.12.04](#))<sup>1</sup>.

Il-Linja Gwida (6 ta' Frar 2003) dwar ċerti rekwiżiti ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għar-rappurtaġġ mill-banek ċentrali nazzjonali ta' tagħrif statistiku fil-qasam ta' l-istatistika tal-flus u bankarja (BĊE/2003/2), ([ĠU L241, 26.09.03](#)).

Il-Linja Gwida (13 ta' Frar 2004) li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/2 (BĊE/2004/1), ([ĠU L083, 20.03.04](#)).

Il-Linja Gwida (15 ta' Frar 2005) li temenda l-Linja Gwida BĊE/2003/2 (BĊE/2005/4), ([ĠU L109, 29.04.05](#)).

Notifika tal-BĊE dwar l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur tar-rekwiżiti għar-rappurtaġġ tal-karti tal-bilanċ (2004/C195/10), ([ĠU C195, 31.07.04](#))<sup>1</sup>.

## STATISTIKA DWAR BILANĊ TAL-PAGAMENTI U STATISTIKA ESTERNA RELATATA

Il-Linja Gwida (16 ta' Lulju 2004) dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-pożizzjoni ta' l-investiment internazzjonali, u l-mudell stàndard tar-riżervi internazzjonali (BĊE/2004/15), ([ĠU L354, 30.11.04](#))<sup>1</sup> (ir-rakkomandazzjoni dwar dan hi l-BĊE/2004/16), ([ĠU C292, 30.11.04](#))<sup>1</sup>.

## KONTIJIET FINANZJARJI

Il-Linja Gwida (21 ta' Novembru 2002) dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ statistiku tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali (BĊE/2002/7), ([ĠU L334, 11.12.02](#)).

Il-Linja Gwida (17 ta' Novembru 2005) li temenda l-Linja Gwida BĊE/2002/7 (BĊE/2005/13), ([ĠU L030, 02.02.06](#)).

<sup>1</sup> Il-verzjoni bil-Malti m'hijiex disponibbli

### **STATISTIKA FINANZJARJA TAL-GVERN**

Il-Linja Gwida (17 ta' Frar 2005) dwar ir-rekwiżiti tar-rappurtaġġ tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-proċeduri għall-iskambju ta' tagħrif statistiku fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali fil-qasam ta' l-istatistika finanzjarja tal-gvern (BĊE/2005/5), (ĠU L109, 29.04.05).

Il-Linja Gwida (3 ta' Frar 2006) li temenda l-Linja Gwida BĊE/2005/5 (BĊE/2006/2), (ĠU L040, 11.02.06)<sup>1</sup>.

### **KONFIDENZJALITÀ STATISTIKA**

Il-Linja Gwida (22 ta' Diċembru 1998) dwar ir-regoli komuni u l-istandards minimi għall-ħarsien tal-konfidenzjalità tat-tagħrif statistiku individwali miġbur mill-Bank Ċentrali Ewropew bl-ghajjnuna tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊE/1998/NP28), (ĠU L055, 24.02.01)<sup>1</sup>.

<sup>1</sup> Il-verżjoni bil-Malti m'hijiex disponibbli

## ANNEX 1

### FREKVENZA U PUNTWALITÀ TAL-PUBBLIKAZZJONI TA' L-ISTATISTIKA AGGREGATA TAŻ-ŻONA TA' L-EURO

Il-BĊE jipubblika firxa wiesgħa ta' statistika fi sqarrijiet għall-istampa kull xahar u kull trimestru u fit-taqsimi ta' "l-istatistika taż-żona ta' l-euro" fil-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE, li normalment jiġi ppubblikat fit-tieni Ħamis ta' kull xahar. Iżjed dettalji dwar l-istatistika msemmija hawn taħt tinsab fit-taqsimi ta' l-istatistika tal-websajt tal-BĊE ([www.ecb.int](http://www.ecb.int)).

Żviluppi monetarji fiż-żona ta' l-euro (ippubblikati kull xahar, fid-19-il jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih jirreferu).

Statistika dwar rati ta' mgħax tal-MFI (ippubblikata kull xahar, fit-30 jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi).

Statistika dwar ħruġ ta' titoli fiż-żona ta' l-euro (ippubblikata kull xahar, madwar 1-20 jum kalendarju tat-tieni xahar wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi).

Statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti fiż-żona ta' l-euro (ippubblikata kull xahar, bejn il-21 u d-29 jum kalendarju tat-tieni xahar wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi).

Statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro, inkluża analiżi ġeografika; il-pożizzjoni ta' l-investment internazzjonali taż-żona ta' l-euro (ippubblikata kull trimestru, xi 4 xhur wara t-trimestru li għalih tirreferi).

Il-pożizzjoni ta' l-investment internazzjonali taż-żona ta' l-euro, inkluża analiżi ġeografika (ippubblikata kull sena, madwar 10½ xhur wara t-tmiem tas-sena li għaliha tirreferi).

Riżervi internazzjonali u likwidità f'munita barranija (ippubblikati kull xahar, fl-aħħar jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih tirreferi d-data).

Investiment finanzjarju u mhux finanzjarju tas-setturi mhux finanzjarji taż-żona ta' l-euro; assi u obligazzjonijiet finanzjarji ewlenin ta' korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni, madwar 4½ xhur wara t-trimestru li għalih jirreferu).

Statistika dwar fondi ta' investment taż-żona ta' l-euro (ippubblikati kull trimestru, xi 3½ xhur wara t-trimestru li għalih tirreferi).

Statistika trimestrali dwar il-finanzi tal-gvern għaż-żona ta' l-euro (ippubblikata kull trimestru, xi 4½ xhur wara t-trimestru li għalih tirreferi).

Statistika annwali dwar il-finanzi tal-gvern għaż-żona ta' l-euro (ippubblikata kull sena, xi 4½ xhur wara t-tmiem tas-sena li għaliha tirreferi).

Statistika ekonomika ġenerali supplimentari taż-żona ta' l-euro dwar il-prezzijiet tal-proprjetà residenzjali (ippubblikata kull sitt xhur, xi 4 xhur wara l-perijodu li għalih tirreferi); dwar l-indikaturi tas-suq tax-xogħol (ippubblikata kull trimestru, bejn 2 u 4 xhur wara l-perijodu li għalih tirreferi); dwar l-istokk kapitali taż-żona ta' l-euro (ippubblikata xi 1½ sena wara s-sena li għaliha tirreferi); u dwar l-HICPs taż-żona ta' l-euro aġġustati skond l-istaġun (ippubblikata kull xahar, wara l-pubblikazzjoni mill-Eurostat tas-sensiela ta' l-HICP ta' kull xahar mhux aġġustati, xi 18-il jum wara x-xahar li għalih jirreferu).

## ANNES 2

### DISPONIBBILTÀ TA' DATA

Iż-żona ta' l-euro ġiet stabbilita f'Jannar tal-1999. Ħafna sensiliet statistiċi li jirrappreżentaw żviluppi ta' qabel f'dik li saret iż-żona ta' l-euro ġew, madankollu, ikkompilati mill-BĊE, bl-għajnuna tal-BĊN għal għanijiet ta' analiżi u riċerka, u rekwiżiti ġodda għall-istatistika spiss kienu jinkludu data ta' qabel (mhux dejjem mill-bidu tal-1999) sa fejn jista' jkun fuq bażi paragonabbli. Dan l-Anness jispeċifika kemm imorru lura ċerti sensiliet ewlenin li huma disponibbli għaż-żona ta' l-euro fil-kompożizzjoni attwali tagħha. Madankollu, billi l-istatistika taż-żona ta' l-euro qiegħda dejjem issir x'aktarx iżjed dettaljata tul iż-żmien, il-fatt li sett ta' data jkun disponibbli minn, per eżempju, l-1994, mhux bilfors ifisser li d-dettall kollu issa ppubblikat fil-Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE hu disponibbli minn dik is-sena. Barra dan, data ta' qabel, li spiss kienet tiġi kkompilata minn sorsi mhux armonizzati mfaġġa għal dak il-għan, hi ġeneralment ta' kwalità agħar minn data iżjed reċenti u t-tnejn mhumiex paragonabbli għal kollox.

L-Anness jikkonċerna l-aggregati taż-żona ta' l-euro. Data li tirrigwarda Stati Membri individwali, li tista' tkun disponibbli għal perijodi itwal jew iqsar, mhix ikkonsiderata hawn.

### STATISTIKA MONETARJA, TA' L-ISTITUZZJONIJET FINANZJARJI U TAS-SWIEQ

Karta tal-bilanċ MFI – data ta' kull xahar mill-aħħar ta' Settembru 1997 (inkluża l-Greċja minn Marzu 1998).

Aggregati monetarji (M1, M2-M1 u M3) – data ta' kull xahar minn Jannar 1980 (b'data inqas affidabbli mħejjija għal għanijiet ta' riċerka mill-1970).

Self tal-“Banek” – data ta' kull xahar minn Jannar 1983.

Fondi ta' l-investment (iżda mhux fondi tas-suq tal-flus) – karti tal-bilanċ trimestrali mill-aħħar tal-1998.

Ħruġ ta' titoli (titoli ta' dejn) – ħarġiet gross u netti: data ta' kull xahar minn Jannar 1990; ammonti pendenti: data ta' kull xahar minn Diċembru 1989.

Ħruġ ta' titoli (titoli ta' dejn) – ħarġiet gross u netti: data ta' kull xahar minn Jannar 1999; ammonti pendenti: data ta' kull xahar minn Diċembru 1998.

Rati ta' l-imġax tal-MFI – data ta' kull xahar dwar sitt rati tad-depożitu u erba' rati tas-self minn sorsi nazzjonali mhux armonizzati, minn Jannar 1996.

Rati ta' l-imġax tal-MFI – data ta' kull xahar dwar is-sensiliet armonizzati attwali (45 indikatur: 31 dwar negozju ġdid, 14 dwar ammonti pendenti) minn Jannar 2003.

Rati tas-suq tal-flus, redditi tal-bonds tal-gvern, indiċijiet tas-suq ta' l-ishma – data ta' kull xahar minn Jannar 1994.

### STATISTIKA DWAR BILANĊ TAL-PAGAMENTI U STATISTIKA ESTERNA RELATATA

Kont kurrenti u komponenti ewlenin – data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-1980; data ta' kull xahar minn Jannar 1997.



Kont finanzjarju – data ta’ kull xahar minn Jannar 1998.

Analiżi ġeografika tal-bilanċ tal-pagamenti – data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2003.

Preżentazzjoni monetarja tal-bilanċ tal-pagamenti – data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2000, data ta’ kull xahar minn Marzu 2003.

Pożizzjoni ta’ l-investment internazzjonali – data annwali mill-aħħar tal-1997 (pożizzjonijiet netti biss għall-1997 u l-1998); data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2004.

Analiżi ġeografika tal-pożizzjoni ta’ l-investment internazzjonali – data annwali mill-aħħar tal-2002.

Riżervi internazzjonali u likwidità f’ munita barranija – data ta’ kull xahar minn Diċembru 1999 (assi ta’ riżerva minn Diċembru 1998 biss).

Rata effettiva tal-kambju ta’ l-euro (nominali u reali) – mill-1993; l-EER nominali kontra l-grupp ta’ l-EER-23 hi disponibbli kuljum, u EERs reali huma disponibbli kull xahar jew kull trimestru, skond il-fattur deflazzjonarju; kontra l-grupp ta’ l-EER-42, l-EER kemm nominali u kemm reali, jiġu kkomputati kull xahar abbażi ta’ l-indiċijiet tal-prezzijiet għall-konsumatur biss.

#### **STATISTIKA FINANZJARJA TAL-GVERN**

Ammonti ta’ dħul u spiża (komponenti ewlenin), bilanċ/żbilanċ, aġġustament tad-defiċit/dejn (komponenti ewlenin) – data annwali mill-1991.

Dħul u spiża (komponenti ewlenin), bilanċ/żbilanċ – data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-1999.

Aġġustament ta’ dejn u defiċit-dejn (komponenti ewlenin) – data trimestrali mill-ewwel trimestru tal-2000.

#### **KONTIJET FINANZJARJI U MHUX FINANZJARJI**

L-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji ewlenin tas-setturi mhux finanzjarji – data trimestrali mir-raba’ trimestru tal-1997.

L-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji ewlenin tal-korporazzjonijiet ta’ l-assigurazzjoni u tal-fondi tal-pensjoni – data trimestrali mir-raba’ trimestru tal-1997.

Tifdil, investment u finanzjament (skond is-settur) – data annwali mill-1990.

#### **STATISTIKA EKONOMIKA ĠENERALI**

Statistika ekonomika ġenerali supplimentari taż-żona ta’ l-euro (ara Anness 1) – data mill-1996 jew qabel.

## ANNEX 3

### GĦAŻLA TA' MATERJAL TA' REFERENZA

#### LEĠIŻLAZZJONI KOMUNITARJA

Protokoll għall-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE.

Protokoll dwar il-proċedura tad-defiċit eċċessiv.<sup>1</sup>

Protokoll dwar il-kriterji ta' konverġenza.<sup>1</sup>

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2223/96 dwar is-sistema Ewropea ta' kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (l-ESA 95).

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Regolament (KE) Nru. 1221/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontijiet trimestrali mhux finanzjarji għall-amministrazzjoni pubblika.

Regolament (KE) Nru. 501/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontijiet trimestrali mhux finanzjarji għall-amministrazzjoni pubblika.

Regolament (KE) Nru. 1222/2004<sup>1</sup> tal-Kunsill dwar il-kompilazzjoni u t-trasmissjoni ta' data tad-dejn trimestrali tal-gvern.

Regolament (KE) Nru. 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali.

#### L-ORGANIZZAZZJONI TAL-FIDMA STATISTIKA

Memorandum ta' Ftehim<sup>1</sup> dwar statistika ekonomika u finanzjarja bejn id-Direttorat Ġenerali għall-Istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-Uffiċċju għall-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Eurostat).

#### MATERJAL IEĦOR

Manwal dwar il-Bilanċ tal-Pagamenti<sup>1</sup> (il-ħames edizzjoni, 1993; Fond Monetarju Internazzjonali).

Analiżi tar-rekwiżiti fil-qasam ta' l-istatistika ekonomika ġenerali<sup>1</sup> (BĊE – Diċembru 2004).

Bullettin ta' Kull Xahar tal-BĊE<sup>1</sup> – taqsima ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro (ħarġa ta' Diċembru 2005)

<sup>1</sup> Il-verzjoni bil-Malti m'hijiex disponibbli

ISSN 1725207-5



9 771725 207005